YOUTH FA 32



SNOOKER 34



SPORTMALTA 39




Nru. 104 **Novembru 2015**


# SPORTIV




**Partita ta' ħbiberija**
Malta megħluba mill-Ġordan **16**

**MFA**
'Open Day' għall-amministraturi l-ġodda **06**

**SNOOKER**
Jintrebħu l-ewwel unuri tal-istaġun **34**


**Kompetizzjoni**
**Irbaħ €25 voucher ma' Teamsport**




# Abbona issa!

Żur il-ħwienet tagħna, il-bejjiegħa esklussivi jew ċempel 8007 2121

GO

Segwina

go.com.mt/flexlite

# Novembru 2015



Jesmond Moore
*Editur*

Il-qofol sportiv matul ix-xahar ta' Novembru kien il partita ta' ħbiberija li Malta lagħbet kontra l-Ġordan, f'Istanbul, it-Turkija, b'dawn tal-aħħar joħorġu rebbieħa bl-iskor ta' 2-0.

Dan il-konfront kien l-aħħar wieħed fit-tmexxija tat-team nazzjonali tal-coach Taljan, Pietro Ghedin, hekk kif fi tmiem is-sena jintemmlu l-kuntratt.

Iżda teżisti possibbiltá kbira li jerġa jiġġeddidlu l-istess kuntratt biex dan ikun it-tielet avventura ta' Ghedin f'din it-tmexxija.

Intant, il-Kampjonat Premier qed jiżvolġi f'wieħed mill-aktar interessanti hekk kif id-distakk bejn l-ewwel sitt timijiet tal-klassifika huwa dak ta' tliet punti biss.

Iż-zewg leaders huma Valletta u Hibernians, li iżda, jistgħu faċilment jiġu milħuqa mill-erba' timijiet ta' Birkirkara, Floriana, Balzan u Tarxien Rainbows rispettivament ...

F'dan il-magażin wieħed għandu jsib ukoll rapporti ta' dawk l-attivitajiet sportivi ewlenin li seħħew f''pajjiżna matul dan l-aħħar xahar.




**irbaħ €25 voucher ma'**

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**X'kien ir-riżultat tal-partita ta' ħbiberija bejn Malta u l-Ġordan?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Diċembru, 2015:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 103 hija:*
**Belgrade - fis-Serbja**

*Ir-rebbieħa huwa:* Generoso Seychell (Paola)





WIN A TRIP
to Dubai
LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED
We're giving away a one week long trip to Dubai for two in January 2016, including flights, 5 nights in a 4* hotel on B&B basis and travel insurance.
www.laferla.com.mt
Visit our website for more information.




**SPORTIV**
**Magażin Sportiv ta' kull xahar**

Ħarġa nru.
**104**

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Sales & Marketing Manager**
Marouska Buttigieg
25900272
mbuttigieg@unionprint.com.mt

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
Mario Mercieca
Ryan Bezzina
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Ian Noel Pace
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg

**Cover**
L-attakkant Malti, Michael Mifsud, fl-azzjoni fil-partita ta' ħbiberija kontra l-Ġordan
*(Ritratt: Paul Zammit Cutajar)*

UNION PRINT CO. LTD

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.



# Werrej

**6 MFA**
L-MFA torganizza 'Open Day' għall-amministraturi. L-MFA terġa' tinnomina lill-Prinċep Ali tal-Ġordan għall-Presidenza tal-FIFA

**16 Partita ta' ħbiberija**
Malta megħluba b'goal f'kull taqsima

**18 Kampjonat Ewropew Under 19**
Malta f'wirjiet sodisfaċenti minkejja tliet telfiet

**20 Kampjonat Premier**
Valletta u Hibernians jillidjaw il-klassifika

**26 L-Ewwel Diviżjoni**
Ħamrun S. inaqqsu d-distakk

**27 It-Tieni Diviżjoni**
Għargħur u Marsa fl-ewwel post

**29 It-Tielet Diviżjoni**
Marsaskala jaqbżu waħedhom fil-quċċata

**31 Sports & Exercise**
Pain at the back of the heel

**32 Youth FA**
Ħarsa lejn il-Fażi Preliminari tal-Kampjonat

**34 Snooker & Pool**
San Gwann BC u Jesmond's SC jirbħu l-ewwel unuri tal-istaġun

**36 Sportmalta**
Sibna bastiment qed jegħreq iżda mbarkajna fuq ħidma sfieqa

**40 Gozo Sports**
Tiftaħ uffiċjalment On the Move SkolaSport f'Għawdex

**42 Meusac**
Fondi Ewropej għal Proġetti Sportivi Żgħar

**44 Storja tal-Football Malti**
Floriana megħluba minn St Patrick

**46 Kriss Kross/ Spotball**
Irbaħ ma' EuroSport u ma' Fitness Studio

mfa.com.mt



# L-MFA torganizza 'Open Day' għall-amministraturi l-ġodda





Matul dan ix-xahar, il-Malta Football Association, organizzat 'Open Day' għall-amministraturi l-ġodda tal-klabbs lokali. F'din l-'Open Day', l-amministraturi l-ġodda kellhom iċ-ċans li jsiru jafu aktar fuq l-operat tal-Assoċjazzjoni u dak kollu li jdawwar il-bini tagħha, f'Ta' Qali. Il-klabbs kellhom ukoll l-opportunitá li jisimgħu x'vantaġġi jistgħu jieħdu mis-servizzi li l-MFA toffri lill-pubbliku.

Is-Segretarju Ġenerali tal-MFA, Bjorn Vassallo, laqa' lil dawk kollha preżenti fis-sala tal-Kumitat Eżekuttiv fit-tielet sular tal-uffiċini tal-Assoċjazzjoni.

"Sejjaħnilkom hawn għax inħossu li intom parti mill-MFA. Intom il-klabbs membri tagħna u għalhekk huwa importanti li tkunu tafu x'toffri l-Assoċjazzjoni u kif jaħdem l-operat tal-MFA. Dak li se tiġu murija llum mill-Kapijiet tad-Dipartimenti tal-Assoċjazzjoni għandu konnessjoni mal-klabb tagħkom u għalhekk inħeġġiġkom issegwu sabiex issaħħu l-għarfien tagħkom ta' kif tistgħu tużaw aħjar is-servizzi li noffru," qal Vassallo.

**"Intom il-klabbs membri tagħna u għalhekk importanti li tkunu tafu x'toffri l-Assoċjazzjoni u kif jaħdem l-operat tal-MFA."**

L-ewwel parti tal-'Open Day' rat dawn il-kelliema; Rodney Pisani (Dipartiment tal-Kompetizzjonijiet); Dr Chris Bonett (Dipartiment Legali); Mario Gauci (Dipartiment tal-Liċenzji); Ivan Calamatta (Dipartiment tar-Reġistrazzjonijiet)

Wara dawn l-erba' kelliema, l-amministraturi mistiedna kellhom pawsa qasira sakemm komplew il-kelliema li kien imiss: Ivan Mizzi






(Dipartiment tal-Finanzi); Johann Fenech (Dipartiment tal-IT); Norman Saliba (Millennium Stand Tour)

Min-naħa tal-Millennium Stand, l-amministraturi tal-klabbs, qasmu għan-naħa l-oħra tal-Istadium Nazzjonali, fejn hemm iċ-Ċentru Tekniku. Hemmhekk kienu mistiedna għal ikla fir-restaurant tal-Istadium biex wara tkompliet il-lielet u l-aħħar parti tal-'Open Day'.

Norman Saliba kompla jitkellem u ta aktar informazzjoni fuq id-Dipartiment tal-Marketing tal-MFA. Il-kumplament tal-kelliema kienu dawn: Mark Attard (Stadium Tours u Dipartiment tal-Media); Robert Gatt (Direttur Ċentru Tekniku); Stephen Grima (Coach Education); Maria Mifsud (Youth Development, Grassroots u Futbol tan-Nisa); Adrian Casha (Dipartiment tar-Referees); Franz Tabone (Uffiċċju tal-Prosekutur)









# L-MFA terġa' tinnomina lill-Prinċep Ali tal-Ġordan għall-Presidenza tal-FIFA

Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill tal-MFA, il-President Norman Darmanin Demajo tkellem dwar il-presidenza tal-FIFA u qal li l-MFA iddeċidiet li terġa' tipproponi lill-Prinċep Ali tal-Ġordan għax dejjem kienet konsistenti fid-deċizjonijiet tagħha fuq dan is-suġġett.

Il-president tal-MFA ta tagħrif ta' kif seħħew iċ-ċirkostanzi ta' kif wassal biex l-MFA tinnomina lill-Prinċep Ali minkejja li fost dawk nominati hemm uffiċjali oħra validi.

Il-President tal-MFA qal li qabel l-aħħar elezzjoni tal-FIFA, li saret f'Mejju li għadda, kien qed jinħass, speċjalment fl-Ewropa, il-bżonn li l-FIFA jkollha president ġdid u li żmien Sepp Blatter kien verament spiċċa, iżda l-UEFA ma kellhiex kandidat denju u wara li Michel Platini kien ġie elett għal terminu ta' erba' snin oħra bħala president tal-UEFA, Platini ma riedx jikkontesta lil Blatter.



"Ġara li f'Jannar li għadda, il-UEFA talbitni nuri kuraġġ u nkun wieħed minn dawk li għandi ninnomina lill-Prinċep Ali tal-Ġordan," qal il-President tal-MFA. Ma' Malta, il-Prinċep Ali kellu erba' nominazzjonijiet oħra - dawk tal-Ingilterra, il-Georgia, il-Belarus u l-Istati Uniti.

Darmanin Demajo kompla jispjega li r-relazzjoni personali mal-Prinċep Ali bdiet xi xhur qabel meta ltaqgħu waqt xogħol relatat mar-responsabbiltá soċjali fil-kamp tar-refuġjati ta' Al-Zaatari u sussegwentament fi Frar ta' din is-sena meta l-Prinċep Ali talbu jmur miegħu għall-Kungress ta' diversi Konfederazzjonijiet.

"Jien għandi l-prinċipji u l-valuri tiegħi sodi u ladarba tajt kelma lil xi ħadd, ma mmurx lura minna ," ikkonkluda Darmanin Demajo, fost applawsi qawwija ta' sostenn mill-Kunsilliera tal-MFA.




# L-MFA tingħaqad mal-UEFA fil-kampanja Football People Weeks







Il-Malta Football Association u assoċjazzjonijiet oħra tal-futbol fl-Ewropa ingħaqdu mal-UEFA biex jagħmlu dik li tissejjaħ il-Football People Weeks - kampanja annwali ko-ordinata min-network internazzjonali bl-isem ta' Fare.

F'din l-inizjattiva tintuża s-sbuħija u l-attrazzjoni tal-futbol biex jikkumbattu d-diskriminazzjoni u tkun iċċelebrata d-diversitá permezz tal-logħba tant popolari. Dan l-avvenimnent ta' ġimagħtejn din is-sena sar, bejn it-8 u t-22 ta' Ottubru.

Dan għaqqad flimkien partitarji, klabbs, minoritajiet etniċi u komunitajiet li huma effettwati mid-diskriminazzjoni fil-kontinent fi sforz kollettiv biex tkun eliminata din il-pjaga li qed tnawwar il-qalb tas-soċjetá moderna.

Matul il-perjodu, partitarji ta' timijiet, gruppi fil-komunitá u klabbs, organizzaw attivitajiet biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jiċċelebraw il futbol. Il logħbiet kollha taċ-Champions League u l-Europa League, li ntlagħbu fil-perjodu, kienu dedikati lil din il-kampanja.

L-MFA ħadet sehem f'din il-kampanja matul il-logħba Malta v Kroazja, mill-Kampjonat Euro 2016, li nlagħbet fit-13 ta' Ottubru fejn sar messaġġ ta' drittijiet indaqs irrispettivament mill-kulur tal-ġilda u t-twemmin.

Numru ta' tfal, minn gruppi differenti li jinkludu tfal li qed ifittxu l-għażil f'pajjiżna, tfal minn Special Olympics u oħrajn minn nurseries, servew ta' escorts mal-plejers waqt iċ-ċerimonja li saret qabel il-logħba biex jintwera li fis-soċjetá tagħna m'għandux ikun hemm differenzi.

L-MFA temmen li fil-futbol m'għandux ikun hemm diverġenzi razzjali u li l-logħba għandha tkun miftuħa għal kulħadd u tieħu kull opportunitá li jkollha biex turi dan. Il-motto tal-MFA f'dan ir-rispett huwa 'Football for Life'.

# It-tournaments tal-futbol fl-iskejjel jirritornaw wara 15-il sena



Il-Malta Football Association, permezz tad-Dipartiment tal-Grassroots fiċ-Ċentru Tekniku u l-Isport Promotion Unit (SPU) fi ħdan id-Direttorat għall-kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni fi SportMalta, reġgħu qed jorganizzaw tournaments tal-futbol fl-iskejjel wara nuqqas ta' 15-il sena.

Dan l-avveniment qed isir fuq bażi ta' 11-a-side għall-istudenti tal-Form 3 u l-Form 4 bil-parteċipazzjoni ta': Gozo Boys' Secondary (Gozo College), St. Venera Boys' Secondary (St. Theresa College), Pembroke & Sliema Boys' Secondary Schools (St. Claire College), St. Benedict Boys' Secondary (St. Benedict College), Hamrun Boys' Secondary (San Gorg Preca College), Hamrun Boys' Secondary (St. Thomas More College), Verdala Boys' Secondary (St. Margaret College) u l-iskola nazzjonali tal-isport.

L-iskejjel tal-Istat ikkompetew f'żewġ gruppi fid-9 u l-10 ta' Novembru bl-ewwel żewġ skejjel fil-grupp ikkwalifikaw għas-semifinali. L-ewwel żewġ skejjel tal-Istat flimkien mal-ewwel tnejn privati jilagħbu fil-finali tad-9 ta' Mejju.

It-tournament qed isir fil-faċilitajiet sportivi ta' Mellieħa SC, Sliema Wanderers FC u Mosta FC u fih qed jipparteċipaw aktar minn 300 tifel tal-etajiet bejn it-13 u l-15-il sena.

Hu ta' pjaċir għaċ-Ċentru Tekniku tal-MFA li għal darb'oħra se jikkollabora mal-SPU u d-DQSE fl-organizzazzjoni ta' esperjenza mill-isbaħ lit-tfal, bl-introduzzjoni ta' futbol kompetittiv fl-iskejjel. Ir-referees tal-MFA ikkontrollaw dawn il-partiti u daħlu fiż-żgħażagħ sens ta' dixxiplina.

# Esperjenza diffiċli fil-Litwanja




It-tim nazzjonali Malti tal-Futsal, immexxi minn Peter Pullicino, f'Ottubru ħa sehem fil-partiti tal-kwalifikazzjoni tal-FIFA Futsal Tournament meta fi Grupp 3 lagħab total ta' tliet logħbiet. Il-logħbiet intlagħbu f'Vilnius, ġewwa l-Litwanja. It-tim Malti tilef it-tliet logħbiet minn daqstant partiti kontra Franza, il-Litwanja u l-Albanija.

Fl-ewwel partita, Malta tilfet bl-iskor ta' 8-2 kontra Franza. L-iskorers tal-Maltin kienu Luke Stivala u Dylan Musu. Malta ġarrbet telfa minima ta' 2-1 kontra l-Litwanja fit-tieni partita. Il-Maltin kellhom bidu mill-aqwa meta wara ħames minuti, marru fil-vantaġġ b'gowl ta' Milijic. Iżda sitt minuti wara Staradalovas ġab il-gowl tad-draw għal-Litwanja. Meta kollox kien qed jindika li l-partita se tispiċċa fi draw, il-Litwani skorjaw il-gowl tar-rebħa, ħames minuti mit-tmiem, minn Lescius.

Malta tilfet ukoll it-tielet u l-aħħar partita kontra l-Albanija bl-iskor ta' 6-3.

Il-Maltin kellhom mumenti fejn kienu l-aħjar tim iżda sofrew minn dik l-esperjenza neċessarja li għandhom bżonn biex jilagħbu partiti tal-futsal ta' dan il-livell. Il-gowls tal-Maltin ġew skorjati minn Xavier Saliba, Andy Mangion u Jovica Milijic.




# 100 tifla jieħdu sehem fil-'FIFA Live Yours Goals' f'Għawdex

Il-Malta Football Association u l-Gozo Football Association b'kollaborazzjoni ma' Sport Promotion Unit fi ħdan SportMalta u d-Direttorat għall-Kwalitá u l-iStandards fl-Edukazzjoni (DQSE) organizzaw 'FIFA Live Your Goals Open Day Festival' taħt l-awspiċi tal-FIFA. Dan il-festival sar għall-ewwel darba f'Għawdex.

L-avveniment sar fl-istadium ta' Kerċem fejn madwar 100 tifla Għawdxija minn diversi Skejjel Primarji f'Għawdex ħadu sehem.

Għal dan l-avveniment attendew il-kowċis tat-tim nazzjonali tan-Nisa li min-naħa tagħhom kienu kuntenti li offrew din l-opportunitá lill-bniet żgħar Għawdxin.

Is-Deputat Segretarju (għall-Grassroots, Youth Developments, Edukazzjoni u FSR) Maria Mifsud u d-Direttur tal-Futbol tan-Nisa Pierre Brincat irrimarkaw dwar l-importanza ta' dan il-proġett għaliex dan kien immirat lejn bniet mill-gżira Għawdxija.

Huma fissru lill-parteċipanti kif l-MFA qed taħdem biex tattira bniet li jibdew jipprattikaw il-futbol minn etá kmieni għaliex hu importanti li jsibu għajnuna rigward l-abbiltá tagħhom meta jkunu għadhom fl-eta' ta' bejn il-5 u l-11-il sena.

L-MFA ippreżentat lis-settur tan-nisa tal-GFA bi blalen u bibs, biex tgħinhom fil-ħidma li jattiraw parteċipanti ġodda u rringrazzjathom għar-rwol vitali biex dan l-avveniment 'FIFA Live Yours Goals' ikun suċċess ieħor.



# MFA Stadium Tours għall-għaqdiet u organizzazzjonijiet

Bħala parti mill-ħidma vasta tal-Malta Football Association biex tingħata immaġini aħjar tal-futbol lokali lill-pubbliku sportiv Malti u Għawdxi, l-Assoċjazzjoni qiegħda tintroduċi uffiċjalment l-MFA StadiumTours għall-għaqdiet u organizzazzjonijiet varji.

L-MFA tilqa' gruppi ta' kull etá minn kull parti tas-soċjetá Maltija li jixtiequ jaraw aktar mill-viċin il-faċilitajiet tal-MFA li sa issa qatt ma kellhom iċ-ċans u l-opportunitá li jkunu fihom, fosthom l-uffiċini amministrattivi, is-swali, id-dressing rooms tal-Istadium Nazzjonali, u postijiet oħra li jintużaw waqt il-partiti tal-futbol li jsiru f'Malta u li jidhru biss waqt xandira tat-televiżjoni.

Permezz ta' din l-opportunitá, wieħed jasal biex japprezza aktar x'tinvolvi l-amministrazzjoni tal-logħba tal-futbol f'pajjiżna.

L-MFA tistiednek tgħaqqad grupp ta' 20 persuna jew aktar u tiftiehem fuq ġurnata permezz ta' komunikazzjoni bl-email jew bit-telefon fuq id-dettalji li jidhru hawn taħt - Malta Football Association – Tel: 23386000 Email: mark.attard@mfa.com.mt

Il-prezz hu ta' €3 kull persuna u b'rikjesta, jista' jiġi organizzat anki lunch, fir-restaurant ġewwa l-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali. Ċerti kundizzjonijiet japplikaw. Kull individwu li jattendi jingħata wkoll tifkira.




# L-avventura ta' Jade Flask u Ylenia Carabott mat-tim Svediż ta' Ange IF

Iż-żewġ plejers femminili li jifformaw parti mit-tim nazzjonali Malti tan-Nisa, Jade Flask u Ylenia Carabott, iffurmaw parti mit-tim Svediż ta' Ange IF għax-xhur tas-sajf bejn Mejju u Settembru li matulhom huma mpressjonaw ħafna kemm bil-prestazzjonijiet pożittivi kif ukoll bl-ammont ta' goals skorjati miż-żewġ tfajliet. Ylenia Carabott imponiet sa mill-bidu tal-avventura tagħha l-personalitá aggressiva fl-attakk fejn fid-debutt tagħha hija skorjat erba' goals fir-rebħa kbira ta' 9-0. Hija kompliet iżżid il-gowls logħba wara oħra sabiex fi 13-il partita hija laħqet l-ammont sostanzjali ta' 24 gowl.

Id-difensura Jade Flask min-naħa tagħha impressjonat ħafna bl-abbiltá u bit-talenti tagħha kemm meta lagħbet bħala difensur iżda anke meta ġiet introdotta f'nofs il-ground fejn flimkien ma' Carabott huma kienu dejjem jispikkaw, tant, li fi 12-il dehra hija rnexxielha tiskorja anke seba' gowls.

Ange IF ġew iffurmati fl-1980 u jirrappreżentaw il-villagg żgħir ta' Ange li jifforma parti mill-Muniċipalitá ta' Vasternorrland. Fost it-timijiet rivali hemm Sundsvall DFF 2 u Sunds IF li huma parti mill-belt ta' Sundsvall, siegħa 'l bogħod minn Ange. Flimkien ma' dawn iż-żewġ timijiet, Ange IF huma affiljati fl-Assoċjazzjoni Medelpads FF li hija l-entitá li tikkontrolla lill-klabbs ta' dak ir-reġjun b'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni Svediża. It-tim ta' Ange IF, sfortunatament tilef il-promozzjoni għaliex spiċċa fit-tieni post għat-tieni sena konsekuttiva bit-tim rebbieħ tal-istess sezzjoni biss jiġi promoss għad-diviżjoni superjuri.

L-statistika individwali tal-partiti u l-gowls ta' Jade Flask u Ylenia Carabott:

**Jade Flask - Partiti:** 12 (10 fil-kampjonat filwaqt li 2 fit-tazza domestika) **Gowls:** 7 (kollha fil-kampjonat)

**Ylenia Carabott - Partiti:** 13 (11 fil-kampjonat filwaqt li 2 fit-tazza domestika) **Gowls:** 24 (20 fil-kampjonat filwaqt li 4 fit-tazza domestika).

# Tournament tal-UEFA għal Adrian Azzopardi u Christopher Francalanza f'Liechtenstein




Adrian Azzopardi kien appuntat mill-UEFA sabiex ikun wieħed mir-referis newtrali waqt tournament ta' kwalifikazzjoni għal timijiet nazzjonali ta' Taħt is-17-il sena bejn is-26 u l-31 ta' Ottubru ġewwa Liechtenstein.

Għal dan it-tournament ta' kwalifikazzjoni, id-Dipartiment tar-Refereeing fi ħdan l-MFA ħatar lill-Elite Assistant Referee Christopher Francalanza sabiex jassisti lil Adrian Azzopardi.

Adrian Azzopardi u Christopher Francalanza kellhom żewġ partiti flimkien bħala referi u assistent referi rispettivament, bl-ewwel waħda tkun fit-28 ta' Ottubru, bejn il-Kroazja u t-tim ospitu ta' Liechenstein, fi Sportanlange Rheinau ġewwa Balzers. Din il-partita ntrebħet mill-Kroati bl-iskor ta' 2-0 u fiha Adrian Azzopardi kien megħjun mill-assistent referi Yury Khomchenko u r-raba' uffiċjal Denis Scherbakov, it-tnejn minn Belarus.

Fil-31 ta' Ottubru Adrian Azzopardi, assistit minn Christopher Francalanza, ikkontrolla l-partita Liechenstein-Gibiltá b'tal-ewwel jiksbu rebħa konvinċenti ta' 3-0 ġewwa Sportpark Eschen-Mauren, f'Eschen. L-uffiċjali l-oħrajn li assistew lil Adrian Azzopardi f'din il-partita kienu mill-Armenja, l-assistent referi Erik Arevshatyan u r-raba' uffiċjal, Suren Baliyan.

Qabel dawn iż-żewġ partiti, Christopher Francalanza bħala assistent referi u Adrian Azzopardi bħala r-raba' uffiċjal, assistew lir-referi internazzjonali mill-Armenja, Suren Baliyan, bejn ir-Repubblika Ċeka u Liechtenstein mirbuħa minn tal-ewwel bl-skor ta' 4-0 ġewwa Sportpark Eschen-Mauren, f'Eschen, fis-26 ta' Ottubru.

Rune Pedersen (Norveġja) u Patrick Kelly (Repubblika Irlandiża) kienu appuntati mill-UEFA bħala l-osservaturi tar-referis f'dan it-tournament u t-tnejn taw punteġġi tajbin liż-żewġ uffiċjali Maltin.

BOV PREMIER LEAGUE 2015-2016




# Referis minn Wales u Andorra fil-Kampjonat Premier

Bħala parti mill-programm ta' skambji ta' referis li l-MFA tagħmel matul l-istaġun sabiex titkattar dejjem iżjed l-esperjenza tal-uffiċjali Maltin barra minn xtutna, referis minn Wales u Andorra kienu l-ewwel barranin li ngħataw l-inkarigu li jirreffjaw ġewwa pajjiżna dan l-istaġun.



Fis-26 ta' Settembru, ġewwa l-Hibernians Stadium, f'Kordin, Ryan Stewart ikkontrolla l-konfront bejn Tarxien Rainbows u Floriana, li ntemm fi draw ta' 1-1. Jassistuh f'din il-partita Ryan Stewart kellu lill-assistenti referis Ian Bird u Johnathon Bryant, filwaqt li Iwan Griffith kien ir-raba' uffiċjal.

L-erba' uffiċjali minn Wales kienu wkoll fl-azzjoni, fis-27 ta' Settembru, ġewwa n-National Stadium, f'Ta' Qali fil-partita Qormi-Birkirkara (1-2) ikkontrollata minn Iwan Griffith, megħjuna minn Johnathon Bryant u Ian Bird bħala assistenti referis u Ryan Stewart bħala r-raba' uffiċjal.



Luis Do Nascimento kien ir-referi tal-partita Pembroke Athleta-Hibernians (1-1) ġewwa l-Hibernians Stadium f'Kordin, fis-26 ta' Settembru, megħjun mill-assistenti referis Pedro Carvalho u Alex Terrazo, filwaqt li r-referi Internazzjonali Ignasi Villamayor kien ir-raba' uffiċjal.

L-erba' uffiċjali minn Andorra kienu wkoll fl-azzjoni, fis-27 ta' Settembru, ġewwa n-National Stadium, f'Ta' Qali, fil-partita Valletta-Naxxar Lions (3-1), ikkontrollata minn Ignasi Villamayor, megħjun mill-assistenti referis Alex Terrazo u Pedro Carvalho u r-raba' uffiċjal, Luis Do Nascimento.




**L-Uffiċjali barranin qabel uħud mill-partiti mill-Kampjonat Premier**




# Appuntament storiku ġewwa l-Portugall għal Clayton Pisani

Nhar it-22 ta' Ottubru, ir-referi Clayton Pisani kompla jżid mal-lista ta' partiti prestiġjużi fix-xena internazzjonali bil-kontroll tal-partita valida mill-Fażi tal-Gruppi tal-UEFA Europa League bejn Sporting Lisbon (Portugall) u Skenderbeu (Albanija) li ntlagħbet f'Estadio Jose Alvalade, ġewwa Lisbona.

F'din il-partita, Clayton Pisani kien megħjun mill-assistenti referis Alan Camilleri u Mitchell Scerri, filwaqt li Marco Borg u Philip Farrugia kienu l-assistenti referis addizzjonali. L-assistent referi internazzjonali Edward Spiteri kien appuntat bħala r-raba' uffiċjal.

Volodymyr Petrov mill-Ungerija, kien l-osservatur tal-uffiċjali Maltin, filwaqt li bħala delegat għal din il-partita, il-UEFA ħatret lil Marton Esterhazy mill-Ungerija.

Minkejja li r-riżultat ta' din il-partita (5-1 għal Sporting Lisbon) jista' b'xi mod jindika li l-partita setgħet kienet waħda faċli għar-referi Malti, ir-realtà turi li Clayton Pisani kellu deċiżjonijiet diffiċli x'jieħu f'din il-partita, fosthom żewġ karti sofor, fit-13 u l-24 minuta, lill-plejer ta' Skenderbeu, Hamdi Salihi, segwiti mill-karta l-ħamra.

Clayton Pisani kien ukoll viċin l-azzjoni sabiex jordna żewġ penalties favur Sporting Lisbon għal fouls identiċi fil-kaxxa l-kbira, fit-38 u l-41 minuta rispettivament, skorjati mit-Taljan Alberto Aquilani u l-Kolombjan Fredy Montero. Dan kien l-ewwel goal għal Aquilani, għalkemm fit-tieni taqsima skorja goal ieħor, fit-72 minuta. Din kienet il-100 partita f'kompetizzjonijiet tal-UEFA għall-clubs għall-coach ta' Sporting Lisbon, Jorge Jesus.

Din kienet partita storika għar-referis Maltin għax kienet l-ewwel waħda mill-Fażi tal-Gruppi f'waħda mill-kompetizzjonijiet ewlenin tal-UEFA minn meta r-referi Malti Charles Agius kien irreffja l-partita bejn Rosenborg u Porto (0-1) valida mill-UEFA Champions League nhar is-16 ta'Ottubru, 1996, ġewwa l-Lerkendal Stadion, Trondheim, in-Norveġja, fejn huwa kien assistit mill-assistenti referis Maltin Emanuel Zammit u Joseph Attard, b'Lawrence Sammut ikun ir-raba' uffiċjal.

F'kumment li ta lill-midja lokali, id-Direttur tad-Dipartiment tar-Refereeing fi ħdan l-MFA, Adrian Casha, esprima s-sodisfazzjon tiegħu għall-mument pożittiv li għaddej minnu r-refereeing Malti u stqarr li: "dan huwa tragward importanti għax ikompli jirrifletti x-xogħol siewi li qegħdin nagħmlu u d-dedikazzjoni tar-referis infushom. Barra minn hekk, dan ikompli jikkonferma li l-MFA qiegħda tinvesti tajjeb fir-referis tagħha sabiex il-livell tagħhom jibqa' jogħla."

## Franco Cachia jattendi kors tal-UEFA ġewwa s-Serbja




Bejn it-3 u l-5 ta' Novembru, Franco Cachia attenda kors organizzat mill-UEFA għall-aqwa 36 referis internazzjonali tal-Futsal fl-Ewropa bħalissa.

Dan il-kors ta' tlett ijiem sar ġewwa ċ-Centru Sportiv tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Serbja, fi Stara Pazova, bi preparazzjoni għall-Kampjonati Ewropej li sejrin isiru f'dan l-istess pajjiż, fi Frar li ġej.

Dan il-kors laqat diversi aspetti importanti, fosthom il-preparazzjoni tar-referi kemm fl-aspett individwali kif ukoll f'dak kollettiv. Ġew trattati wkoll diversi temi ta' natura teknika li jwasslu għal applikazzjoni aħjar tar-regolamenti tal-logħba.

Il-parteċipanti f'dan il-kors kienu taħt l-iskrutinju ta' diversi uffiċjali għolja tal-UEFA u kienu lkoll ittestjati fil-lingwa Ingliża, l-għarfien tar-regolamenti tal-logħba u l-kundizzjoni fiżika.

Ir-referi Franco Cachia ħalla impressjoni ferm tajba tant li fi tmiem dan il-kors ingħata impenn internazzjonali ieħor li jikkonsisti f'mini-tournament ġewwa Praga, bejn l-10 u t-13 ta' Diċembru, bil-parteċipazzjoni ta' Franza, Kazakstan u Slovenja flimkien mar-Repubblika Ċeka bħala l-pajjiż ospitu.




# Appuntament fil-UEFA Youth League għal Alan Mario Sant



Fil-21 ta' Ottubru, Alan Mario Sant, ikkontrolla l-partita ta' ritorn mill-UEFA Youth League bejn Besiktas (Turkija) u Aktobe (Kazakstan) ġewwa l-Maltepe Hasan Polat Stadium, f'Istanbul.

Wara li Besiktas kienu rebħu l-ewwel leg bl-iskor ta' 2-0, din id-darba f'darhom huma kisbu rebħa konvinċenti ta' 4-0 sabiex għaddew faċilment għat-tieni round ta' din il-kompetizzjoni.

L-assistenti referis Maltin f'din il-partita kienu Duncan Sultana u Luke Portelli, filwaqt li t-Tork Oguzhan Ugurlu kien ir-raba' uffiċjal.

Għal din il-partita, il-UEFA ħatret lil Muharrem Zihni Aksoy (Turkija) bħala l-osservatur tar-referis u lil Orkhan Huseynzade (Azerbajġan) bħala d-delegat tal-partita.




# Esther Azzopardi tirreffja fi Slovenja




Nhar is-26 ta' Ottubru, Esther Azzopardi rrefjat il-partita bejn Slovenja u l-Islanda ġewwa Sportni Park f'Lendava, Slovenja.

Din il-partita kienet ta' kwalifikazzjoni għall-Finali tal-Kampjonat Ewropew li sejjer isir ġewwa l-Olanda, bejn is-16 ta' Lulju u s-6 ta' Awwissu, is-sena d-dieħla.

L-Islanda ddominaw din il-partita u ħarġu rebbieħa bl-iskor kbir ta' 6-0 u kellhom ukoll il-lussu li jfallu penalty, fit-88 minuta.

Esther Azzopardi kienet megħjuna mill-assistenti referis internazzjonali Araksya Saribekyan (Armenja) u May Moalem (Iżrael), filwaqt li Petrea Bombek (Slovenja) kienet ir-raba' uffiċjal.

L-osservatur tar-referis maħtur mill-UEFA kien l-Isvizzeru, Andreas Schluchter, li kellu kliem ta' tifħir għal Esther Azzopardi u l-kollegi tagħha.

PARTITA TA' ĦBIBERIJA





# Malta megħluba b'goal f'kull taqsima

**Andrei Agius (Malta) jattakka lil Rajai Ayed (Ġordan). (Xellug fuq) Paul Fenech (Malta) u Oday Zahran (Turkija) jogħlew għar-ras u (xellug isfel) il-goalkeeper Andrew Hogg (Malta) itajjar il-ballun f'attakk tal-Ġordan**

F'partita ta' ħbiberija, li ntlagħbet fil-Maltepe Hasan Polat Stadium, f'Istanbul fit-Turkija, it-team nazzjonali Malti safa megħlub bl-iskor ta' 2-0 mill-Ġordan, b'goal f'kull taqsima, liema konfront kien bil-bibien magħluqin.

Din il-partita serviet bħala parti mill-preperazzjoni għall-impenji ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja tal-2018.

Din kienet l-ewwel darba fi tliet logħbiet li l-Ġordan ħareġ rebbieħ kontra Malta fejn fil-partiti preċedenti, fl-1985 u fl-2002, kienu l-Maltin li ħarġu rebbieħa.

F'dik ta' nhar it-3 ta' April, 1985, irbaħna bl-iskor ta' 3-1, b'hat-trick ta' Ray Xuereb ... u f'dik ta' nhar id-9 ta' Frar, 2002, irbaħna bl-iskor ta' 2-1, b'goals ta' Michael Mifsud u Joe Brincat.

Wieħed jista' jqis dan ir-riżultat bħala wieħed pożittiv għall-fatt li l-Maltin kienu qed jilagħbu kontra team li, f'Ottubru li għadda, għeleb lill-Awstralja, champions tal-Asja, u kontra team li f'dawk li huma rankings mondjali tal-FIFA jinsab fit-82 post.

Għal Malta iddebuttaw id-difensur ta' Pembroke Athleta, Owen Bugeja, li beda fil-formazzjoni inizjali kif ukoll iż-żewġ players ta' Floriana, Emanuel Briffa u Clyde Borg u l-attakkant ta' Valletta, Llywelyn Cremona, li daħlu jilagħbu fit-tieni taqsima. L-uniku player li ma ddebuttax mat-team u li kien mgħajjat biex jifforma parti mill-iskwadra kien Luke Montebello ta' Tarxien Rainbows.

Il-Ġordan fetħu l-iskor fil-11-il minuta permezz ta' HAMZA DARDOUR. Dan l-attakkant li jilgħab mal-club ta' Al-Faisaly, wara ħarba fuq il-lemin, qabeż l-avversarju dirett tiegħu Clayton Failla, u b'xutt minn tarf il-kaxxa ż-żgħira għeleb lill-goalkeeper Andrew Hogg.

Fit-68 minuta, il-Maltin kienu sfortunati li ma kisbux id-draw meta Llywelyn Cremona ġie mċaħħad

ritratti **Paul Zammit Cutajar**







**(Fuq) Il-formazzjoni inizjali Maltija li lagħbet kontra l-Ġordan. (Lemin) Azzjoni bejn Oday Zahran (Ġordan) u Alfred Effiong (Malta) u (isfel) il-president tal-MFA Norman Darmanin Demajo flimkien mal-president tal-FA Ġordaniża Ali bin Hussein**



mill-wieqfa b'xutt minn barra l-kaxxa.

Fil-ħin miżjud, proprju fl-94 minuta, it-team immexxi mill-coach Belġjan, Paul Put, skorja t-tieni goal meta b'azzjoni personali YASSIN AL-BAKHIT għadda minn fuq ix-xellug, daħal fil-kaxxa u b'xutt angulat xeħet fir-rokna tax-xibka.

Ta' min jinnota li reċentement, il-President tal-MFA Norman Darmanin Demajo kien ħabbar li l-MFA kienet se tappoġġa lill-Prinċep tal-Ġordan Ali bin Hussein għall-elezzjoni presidenzjali tal-FIFA li se ssir fi Frar li ġej. Kemm Darmanin Demajo kif ukoll is-Segretarju Ġenerali tal-MFA, Bjorn Vassallo, kienu preżenti flimkien mal-Prinċep jaraw dan il-konfront.

Din il-partita ntlagħbet fuq stedina tal-Prinċep hekk kif iż-żewġ presidenti rispettivi kienu fl-istess programm tar-Responsabbiltá Soċjali fi ħdan il-FIFA.

Dan il-konfront għalaq ukoll l-impenn tal-coach Pietro Ghedin fit-tmexxija tat-team nazzjonali hekk kif fl-aħħar ta' Diċembru jintemmlu l-kuntratt.

**11.11.2015 - 17.00 hrs**

**Ġordan** **2**
H. Dardour 11, Y. al-Bakhit 94

**Malta** **0**

**HT 1-0**

**Maltepe Hasan Polat Stadium - Istanbul**

**Ġordan** – Amer Shafi (Moataz Yassin), Ibrahim Zawahra (Anas Bani Yaseen), Mohammed Basha, Oday Zahran, Mohammed Demeiri (Ahmed Abdel Halim), Bahaa Abdel-Rahman, Rajai Ayed (Said Morgan), Munther Abu Amara (Odai Al-Saify), Yassin Al-Bakhit, Abdullah Theeb, Hamza Dardour (Mahmoud Za'tara)
**Coach** – Paul Put

**Malta** – Andrew Hogg, Steve Borg, Joseph Zerafa (Emanuel Briffa 81), Gareth Sciberras (Clyde Borg 86), Andrei Agius, Paul Fenech (Llewelyn Cremona 64), Clayton Failla (Ryan Camenzuli 58), Roderick Briffa (Michael Mifsud 54), Owen Bugeja, Bjorn Kristensen (André Schembri 60), Alfred Effiong
**Coach** – Pietro Ghedin
**Referee** – Baris Simsek (Turkija)

KAMPJONAT EWROPEW UNDER 19



# Malta f'wirjiet sodisfaċenti minkejja tliet telfiet

Aktar kmieni dan ix-xahar, it-team nazzjonali Malti ta' Taħt id-19-il sena kien impenjat fir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew.

Dan ir-round kien kompost minn 13-il mini-tournament fejn ir-rebbieħ għadda għar-round li sussegwenti. Dak ta' Malta kien Grupp 6 li kien jinkludi wkoll lid-Danimarka, l-Islanda u l-Iżrael bis-sitt partiti ntlagħbu f'pajjiżna.

Kienu partiti diffiċli għall-Maltin hekk kif ma rnexxielhomx jiksbu punt, li iżda, il-wirjiet kienu sodisfaċenti u bi ftit aktar attenzjoni u bi ftit aktar fortuna stajna wkoll ksibna xi punti.

L-ewwel partita, dik kontra l-Iżrael, kienet eżempju ta' dan meta konna aħna li ftaħna l-iskor permezz ta' penalty ta' Jake Grech, li iżda, sfajna bi player inqas meta tkeċċa l-goalkeeper Jamie Azzopardi.

B'din l-inferjoritá numerika, l-avversarji ħadu l-inizjattiva biex ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 3-1 anke jekk imbagħad tkeċċa l-Iżraelit, Idan Adneneny, għax il-ħsara kienet diġá saret u għaldaqstant kienet diffiċli biex il-Maltin isalvaw il-partita.

Ir-riżultat tat-telfa ta' 3-0 kontra d-Danimarka kien indikazzjoni tal-qawwa tal-avversarji fejn dehret evidenti d-differenza tal-livell bejn iż-żewġ timijiet.

Iżda kontra l-Islanda, il-Maltin taw daqskemm qalgħu fejn għal ħinijiet xeħtu lill-avversarji taħt pressjoni u kienet ħasra kbira li ħriġna telliefa bl-iskor ta' 1-0 bil-goal jasal minn penalty ħames minuti mit-tmiem.

Peró, kollox ma' kollox, il-prestazzjonijiet kienu sodisfaċenti fejn matul dan it-tournament kellhom il-mumenti tagħhom u lagħbu football metikoluż u intelliġenti.





**Juan Corbolan (Malta) attakkat minn Sammy Skytte (Danimarka) u (fuq) Zach Brincat (Malta) jixxuttja fil-logħba kontra l-Islanda. (Fuq nett) Kyrian Nwoko (Malta) itajjar minn fuq Shay Ben David (Iżrael)**


Iżrael


Danimarka


Islanda



**10.11.2015 - 14.00 hrs**

**Iżrael** 3
A. Mahamid 37, 48, I. Sfuri 90

**Malta** 1
J. Grech 15 pen

HT 1-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Iżrael** – Haviv Ohayon, Ben David Shay Pinhas, Erez Isakov (Idan Nachmias 83), Roy Yedida Dayan, Anas Mahamid (Ibrahim Sfuri 79), Idan Adneney, Eylon Yerushalmi (Itzik Shoolmasiter 53), Dor Galili, Ofek Marom, Noam Gamoun, Eden Hershkovich
**Coach** – Eli Ohana

**Malta** – Jamie Azzopardi, Daniel Buckle, Jean Borg, Nichoals Pulis (Kyrian Nwoko 53), Connor Zammit (Jacob Walker 79), Matthew Guillaumier, Aidan Jake Friggieri, Jake Grech, Zachary Brincat (Timothy Aquilina 19), Juan Corbolan, Joseph Mbong
**Coach** – David Nascimento

**Referee** – Neil Doyle (Irlanda)
**Assistenti** – Wayne McDonnell (Irlanda), Goran Pataki (Kroazja)
**Raba' Uff.** – Tihomir Pejin (Kroazja)
**Ammoniti** – J. Grech, J. Corbolan (M); E. Isakov, I. Adneneny, R. Y. Dayan, D. Galili (I)
**Tkeċċew** – J. Azzopardi 16 (M), I. Adneneny 51 (I)

**12.11.2015 - 14.45 hrs**

**Malta** 0

**Danimarka** 3
M. Duelund 21, 61, M. Thychosen 60

HT 1-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Malta** – Timothy Aquilina, Daniel Buckle, Jean Borg (Justin Vella 46), Connor Zammit, Matthew Guillaumier, Aidan Jake Friggieri, Jake Grech, Zachary Brincat (Kyrian Nwoko 59), Juan Corbolan, Joseph Essien Mbong (Jacob Walker 84), David Xuereb
**Coach** – David Nascimento

**Danimarka** – Daniel Iversen, Alexander Munksgaard, Stefan Gartenmann, Morten Krsitensen (Jacob Bruun Larsen 64), Magnus Christensen, Rasmus Nicolaisen, Mikkel Duelund, Mikkel Kallesoe (Emre Mor 62), Kaper Dolberg (Rasmus Nissen 52), Mads Thychosen, Sammy Skytte
**Coach** – Bent Christensen Arensoe

**Referee** – Daniel Stefanski (Polonja)
**Assistenti** – Marcin Boniek, Wayne McDonnell (Irlanda)
**Raba' Uff.** – Neil Doyle (Irlanda)
**Ammoniti** – S. Gartenmann (D); J. Grech, J. Corbolan (M)

**15.11.2015 - 14.00 hrs**

**Islanda** 1
A. Gudmundsson 85 pen

**Malta** 0

HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Islanda** – Sindri Olafsson, Alfons Sampsted, Sindri Scheving, Dadi Baering Halldorsson, Birkir Valur Jonsson, Viktor Karl Einarsson (Gretar Snaer Gunnarsson 83), Oskar Jonsson, Albert Gudmundsson, Jon Dagur Porsteinsson (Ottar Magnus Karlsson 90), Viktor Helgi Benediktsson, Sveinn Aron Gudjohnsen
**Coach** – Thorvaldur Orlygsson

**Malta** – Jamie Azzopardi, Daniel Buckle, Jean Borg, Nicholas Pulis, Connor Zammit, Matthew Guillaumier, Aidan Jake Friggieri, Joseph Essien Mbong, Neil Tabone, David Xuereb (Jacob Walker 82), Kyrian Nwoko (Zachary Brincat 13)
**Coach** – David Nascimento

**Referee** – Tihomir Pejin (Kroazja)
**Assistenti** – Goran Pataki (Kroazja), Marcin Boniek (Polonja)
**Raba' Uff.** – Daniel Stefanski (Polonja)
**Ammoniti** – Z. Brincat, J. E. Mbong (M); S. A. Gudjohnsen (I)

**Malta: (wara) Jamie Azzopardi, Daniel Buckle, Kyrian Nwoko, Nicholas Pulis, Jean Borg, Matthew Guillaumier, (quddiem) Aidan Friggieri, Conor Zammit, Joseph Mbong, Neil Tabone, David Xuereb**

## Ir-riżultati l-oħra

**10.11.2015**
**Danimarka v Islanda** ........................ **1-1**
*Kasper Dolberg 4 (D); Dadi Bæring Halldorsson 91 (I)*

**12.11.2015**
**Iżrael v Islanda** ........................ **4-1**
*Anas Mahamid 14, 16, 51, Eylon Yerushalmi (Iż); Sveinn Aron Gudjohnsen 67 (Is)*

**15.11.2015**
**Danimarka v Iżrael** ........................ **0-0**

## Kif spiċċaw

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iżrael | 3 | 2 | 1 | 0 | 7 | 2 | 7 |
| Danimarka | 3 | 1 | 2 | 0 | 4 | 1 | 5 |
| Islanda | 3 | 1 | 1 | 1 | 3 | 5 | 4 |
| Malta | 3 | 0 | 0 | 3 | 1 | 7 | 0 |

KAMPJONAT PREMIER






Mano Micallef (Mosta) jaqbeż lil Antonio Monticelli (Floriana) u (fuq) Jonathan Pearson jiskorja għal Hibernians kontra Balzan

# Valletta u Hibernians jillidjaw il-klassifika

Wara li ntlagħbet it-12-il ġurnata tal-BOV Premier League, Valletta u Hibernians qed jillidjaw il-klassifika, peró Valletta b'differenza ta' goals aħjar.

Jidher li t-taqtiegħa se tkun waħda mill-aktar interessanti hekk kif bejn dawn iż-żewġ timijiet u dak li jinsab fis-sitt post, hemm biss differenza ta' tliet punti u għaldaqstant kollox jista' jseħħ.

Matul dan ix-xahar kull team lagħab tliet partit minħabba l-waqfa ta' ġimgħa minħabba l-logħba ta' ħbiberija li t-team Malti kien involut kontra l-Ġordan.

L-ebda team ma rebaħ it-tliet partiti iżda l-aħjar rekord kien ta' żewġ rebħiet u draw li ġew reġistrati minn Hibernians, Floriana u Tarxien Rainbows b'dawn tal-aħħar qed jiddistingwu lilhom infushom bħala t-team rivelazzjoni, tant, li jekk jibqgħu juru l-istess determinazzjoni u dixxiplina fil-logħob tagħhom, żgur li jkunu minn fost l-isfidanti ewlenin għall-ewwel erba' postijiet li

ritratti **Roger Azzopardi, Christine Borg, Dominic Borg, Ian Noel Pace**








**Id-difiża ta' Sliema W. taħt pressjoni minn attakk ta' Tarxien R. u (fuq) Jurgen Debono (Naxxar L.) attakkat minn Carlo Monti (Qormi)**

jfissru post il-kompetizzjonijiet Ewropej.

Imbagħad kienu Birkirkara u Naxxar Lions, bit-tieni l-aħjar rekord meta kisbu rebħa u żewġ draws biex Birkirkara baqgħu jżommu l-pass mal-leaders filwaqt li Naxxar Lions inqalgħu mill-post ta' qabel tal-aħħar.

Matul dan ix-xahar, Valletta xejn ma kienu konsistenti fejn minn massimu ta' disa' punti, huma kisbu biss erbgħa (rebħa, draw u telfa). L-istess ammont ta' punti ġew miksuba minn Pembroke Athleta li rreġistraw ukoll is-sorpriża tal-istaġun meta għelbu lill-Beltin bl-iskor ta' 2-0.

Iżda l-akbar diżappunt huwa t team ta' Sliema Wanderers li bil-profil li jippossjiedu fl-ogħla diviżjoni, mhumiex jilagħbu għall-altezza tagħhom ... matul dan ix-xahar huma kisbu draw waħda u sofrew żewġ telfiet ... bħal ma għamlu Mosta.

Qormi li jinsabu fil-post ta' qabel l-aħħar kisbu żewġ punti biss minn żewġ draws u sofrew telfa ... b'St Andrew's għadhom qed ifittxu l-ewwel punt.

## Kif spiċċaw

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Valletta | 12 | 8 | 1 | 3 | 23 | 11 | 25 |
| Hibernians | 12 | 7 | 4 | 1 | 22 | 14 | 25 |
| Birkirkara | 12 | 6 | 5 | 1 | 28 | 12 | 23 |
| Floriana | 12 | 7 | 2 | 3 | 19 | 11 | 23 |
| Balzan | 12 | 7 | 2 | 3 | 19 | 12 | 23 |
| Tarxien R. | 12 | 6 | 4 | 2 | 21 | 11 | 22 |
| Mosta | 12 | 5 | 3 | 4 | 17 | 13 | 18 |
| Pembroke A. | 12 | 4 | 2 | 6 | 18 | 22 | 14 |
| Sliema W. | 12 | 4 | 2 | 6 | 11 | 17 | 14 |
| Naxxar L. | 12 | 2 | 2 | 8 | 11 | 30 | 8 |
| Qormi | 12 | 1 | 3 | 8 | 9 | 18 | 6 |
| St Andrew's | 12 | 0 | 0 | 12 | 6 | 33 | 0 |

# KAMPJONAT PREMIER




Abdelkarim Nafti (Valletta) mgħasses minn Paltemio Barbetti (Pembroke A.)



Balzan




Floriana






BOV PREMIER LEAGUE
2015-2016



Godwin Mensha (Balzan) segwit minn Noah Ojuola (Qormi) (fuq) Owen Bugeja (Pembroke A.) jipprova jimblokka lil Jurgen Pisani (Floriana)



Hibernians



Mosta

## I Round

**Logħba Nru 55 - 31.10.2015 - 14.00 hrs**
**St Andrew's** 1
M. Desira Buttigieg 2
**Naxxar Lions** 2
J. Debono 21, B. Rajovic 56
**HT 1-1 Victor Tedesco Stadium**

**St Andrew's** – 22-Kris Calleja, 18-Clyde Cumbo, 3-Jordan Williams, 5-Marigen Sehitaj, 15-Michael Johnson, 6-Eloy Edunkene, 11-Joseph Farrugia (17-Jacob Walker, 66), 4-Dale Camilleri (16-Chris de Nguidjol 82), 8-Matthew Guillaumier, Matteo Desira Buttigieg, 14-Kyrian Nwoko
**Coach** – Wayne Attard
**Naxxar L.** – 1-Julian Azzopardi, 2-Blazo Rajovic, 3-Andrew Scicluna, 5-Moise Zady (19-David Fenech 46), 9-Sidoine Oussou (11-Duane Bonnici 65), 10-Daren Falzon (8-Mattia del Negro 82), 16-Jurgen Debono, 18-Ishmael Grech, 20-Angus Buhagiar, 23-Emiliano Lattes, 26-Armando Tarlazis
**Coach** – Clive Mizzi
**Referee** – Marco Borg
**Assistenti** – Edward Spiteri, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Roberto Vella
**Ammoniti** – M. Zady, A. Tarlazis, D. Bonnici (NL)

## I Round

**Logħba Nru 56 - 31.10.2015 - 16.15 hrs**
**Pembroke Athletic** 1
S. Bonnici 33 o.g
**Floriana** 2
M. Villa 77, M. Fontanella 93
**HT 1-0 Victor Tedesco Stadium**

**Pembroke A.** – 1-Mario Muscat, 2-Austin Martz, 10-Paltemio Barbetti, 8-Kyle O'Brien, 16-Ariel Laudisi (Peter Paul Sammut 90), 14-James Togbah (11-Siraj Arab 80), 7-Gustavo Villalobos, 6-Miguel Attard, 5-Owen Bugeja, 22-Alex Cini, 4-Zoran Levnaic
**Coach** – Winston Muscat
**Floriana** – 1-Matthew Calleja Cremona, 4-Antonio Monticelli, 5-Enrico Pepe, 7-Steve Pisani (7-Mauricio Villa 66), 8-Clyde Borg (11-Juninho Cabral 55), 17-Jurgen Pisani, 23-Matteo Piciollo, 33-Emmanuel Briffa, 80-Nicholas Chiesa, 89-Mario Fontanella, 27-Steve Bonnici
**Coach** – Luis Oliveira
**Referee** – Glenn Tonna
**Assistenti** – Duncan Sultana, Luke Portelli
**Raba' Uff.** – Alan Mario Sant
**Ammoniti** – Z. Levnaic , M. Attard, S. Arab, (PA); C. Borg, M. Piciollo (F)

## I Round

**Logħba Nru 57 - 02.11.2015 - 18.00 hrs**
**Birkirkara** 4
Z. Muscat 13, 66, P. Fenech 61, R. Scicluna 85
**Balzan** 1
M. Focsa 45
**HT 1-1 Victor Tedesco Stadium**

**Birkirkara** – 16-Justin Haber, 22-Zach Muscat, 15-Nikola Vukanac, 5-Mauricio Matias Latini Mazzetti, 19-Joseph Zerafa, 7-Ryan Camenzuli, 4-Gareth Sciberras (21-Ryan Scicluna 79), 6-Paul Fenech, 24-Rowen Muscat, 10-Fabrizio Miccoli (17-Frank Temile 84), 14-Vito Plut (18-Ellinton Antonio Costa Morais 68)
**Coach** – Giovanni Tedesco
**Balzan**– 1-Christian Cassar, 10-Dylan Grima, 50-Maxim Focsa (18-Ryan Darmanin 80), 11-Steve Bezzina, 7-Lydon Micallef (9-Godwin Mensha 48) (20-Terence Agius 72), 16-Clive Brincat, 17-Alfred Effiong, 5-Samir Arab, 15-Luke Sciberras, 99-Aleksandar Vujacic, 4-Justin Grioli
**Coach** – Oliver Spiteri
**Referee** – Philip Farrugia
**Assistenti** – Jurgen Spiteri, Martin Borg
**Raba' Uff.** – Esther Azzopardi
**Ammoniti** – L. Micallef, A. Effiong (Bz), P. Fenech (Bk)

## I Round

**Logħba Nru 58 - 02.11.2015 - 20.15 hrs**
**Sliema Wanderers** 2
M. Scerri 40, R. Ledesma 47
**Hibernians** 2
A. Agius 11, B. Kristensen 79
**HT 1-1 Victor Tedesco Stadium**

**Sliema W.** – 1-Glenn Zammit, 3-Benjamin Essel, 8-Mark Scerri (15-Marko Potezica 64), 10-Pedro Henrique Dos Santos Calcado (7-John Mintoff 87), 11-Rafael Pompeo Rodrigues Ledesma, 18-Aidan Jake Friggieri (17-Peter Xuereb 83), 19-Johann Bezzina, 20-Kerlon Moura Souza, 23-Gary Muir, 33-Stefano Bianciardi, 36-Luke Dimech
**Coach** – Stephen Azzopardi
**Hibernians** – 12-Jurgen Borg, 5-Rui Da Gracia Gomes, 7-Jackson Lima, 8-Rodolfo Soares (32-Jorge Santos Silva 66), 10-Andrew Cohen, 11-Bjorn Kristensen, 14-Jurgen Degabriele, 18-Denni Rocha Doas Santos, 20-Andrei Agius, 22-Joseph Esslen Mbong, 31-Gilmar Da Silva Ribeiro (13-Clayton Failla 75)
**Coach** – Branko Nisevic
**Referee** – Fyodor Zammit
**Assistenti** – Alan Camilleri, Peter Abela
**Raba' Uff.** – Malcolm Spiteri
**Ammoniti** – M.Scerri, S. Bianciardi (S), J. Lima (H)

Ir-rebbieħ tar-Ranking 3 Open kien Maverick Zammit biex naqqas id-distakk għal 20 punt biss fil-konfront ta' Jesmond Schembri. Gary Carr rebaħ il-kompetizzjoni ta' Taħt it-23 sena biex fetaħ beraħ l-isfida ta' din il-kategorija filwaqt li Ivan Rizzo rebaħ it-tournament ta' 'l Fuq minn 40 sena biex tela' fit-tieni post fil-lista tar-Rankings, bi 30 punt taħt Richard Lewis.







(Ritratt fuq) **Maverick Zammit,** (lemin) **Gary Carr u** (taħt) **Ivan Rizzo**




## MEBF 2015-16 Lista tar-Rankings

### Open

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Jesmond Schembri | 525 |
| 2. | Mevrick Zammit | 505 |
| 3. | Clint Grima | 470 |
| 4. | Clayton Attard | 455 |
| 5. | Lyden Debono | 455 |
| 6. | Philip Coleiro | 440 |
| 7. | Clayton Castaldi | 415 |
| 8. | Stephen Mangion | 400 |
| 9. | Richard Lewis | 330 |
| 10. | Clint Azzopardi | 305 |

### Under 23

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Owen Amato | 655 |
| 2. | Lyden Debono | 640 |
| 3. | Gary Carr | 570 |
| 4. | Leon Azzopardi | 525 |
| 5. | Darren Azzopardi | 485 |
| 6. | Wayne Pace | 400 |
| 7. | Lee Ryan Darmanin | 375 |
| 8. | Joseph Fiteni | 360 |
| 9. | Alessio Magro | 360 |
| 10. | Ben Schembri | 330 |

### Over 40s

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Richard Lewis | 600 |
| 2. | Ivan Rizzo | 570 |
| 3. | Conrad Catania | 525 |
| 4. | George Cutajar | 430 |
| 5. | Jesmond Schembri | 400 |
| 6. | Joe Camilleri | 400 |
| 7. | Horace Farrugia | 375 |
| 8. | Mario Brincat | 325 |
| 9. | Steve Scicluna | 305 |
| 10. | Edmond Fenech | 305 |

# Miguel Amato jirbaħ l-U/18's Ranking Tournament 2



Iż-żagħżugħ ta' San Gwann Boċċi Club, Miguel Amato rebaħ ir-Ranking Tournament 2 ta' Taħt it-18-il sena, meta fil-finali huwa għeleb lill-kollega tiegħu, Alessio Magro, li jilgħab miegħu fl-istess team bl-iskor ta' 8-7.

## Pjani għall-Proġett ġodda

# Sibna bastiment qed jegħreq iżda mbarkajna fuq ħidma sfieqa




**- Chris Agius, Segretarju Parlamentari għall-Isport**



"Sibna bastiment qed jegħreq iżda bħala SportMalta mbarkajna fuq ħidma sfieqa sa mill-ewwel ġranet ta' din il-leġiżlatura, li jkompli jikkonferma kemm verament dan huwa Gvern li ħadem u għadu għaddej bil-ħidma sabiex Malta jkollha l-ekonomija b'saħħitha li bħala poplu tabilħaqq qed ingawdu bħalissa"

Dawn kienu l-ewwel kliem tas-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport Chris Agius, waqt konferenza stampa li saret il-bieraħ fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera u li fiha ngħataw dettalji rigward diversi Progammi Sportivi, li SportMalta se tkun qed timbarka fuqhom, grazzi għas-somma allokata ta' xejn inqas minn €10 miljun li ġew investiti mill-Gvern fi proġetti kapitali fi-qasam sportiv ġewwa pajjiżna.

Is-Segretarju Parlamentari semma' speċifikament il-Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq, li digà bdiet issirlu l-manutenzjoni għaliex tant kien tħalla fi stat diżastruż li kien hemm il-biżgħa li ssir xi traġedja, speċjalment minħabba d-deck li kien tħalla fi stat xejn tajjeb.

Il-Kumpless tal-Pixxina f'Tal-Qroqq ma kienx l-uniku eżempju li semma' s-Segretarju Parlamentari, għaliex fil-kumplessi kollha kien hemm bżonn tax-xogħol, sabiex dawn ikunu mmodernizzati jew estiżi, biex ikunu jistgħu jilqgħu d-diversi bżonnijiet tal-isportivi lokali.

Tkellem ukoll il-Kap Eżekuttiv ta' SportMalta, Mark Cutajar, li elenka n-numru ta' proġetti li mistennija jsiru fl-2016 permezz ta' preżentazzjoni ferm dettaljata.

Uħud minn dawn il-proġetti se jsiru fid-diversi Kumplessi Sportivi mxerrdin madwar Malta u Għawdex, filwaqt li oħrajn huma estensjoni tal-kumplessi eżistenti.

Minbarra dan, hemm seba' proġetti oħra li jmorru lil hinn mill-faċilitajiet sportivi ta' SportMalta.

Dawn huma l-jogging track f'Ta' Qali u f'Santa Luċija, l-ewwel fażi tal-bdil tal-court tal-basketball tas-Siġġiewi, ix-shooting range f'Għawdex, il-kumpless tal-Judo f'Pembroke, il-manutenzjoni fil-Padiljun tal-Basketball f'Ta' Qali u l-Kumpless Sportiv f'Santa Venera.

Is-Sur Cutajar spjega li l-akbar xogħol









se jkun qed isir fil-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq, fejn se jsir bdil tad-deck, fire alarm fil-plant room, manutenzjoni tal-boiler, bdil ta' dawl u pompi fil-plant room, changing rooms ġodda fil-West u East Block, u hand rails tal-istands ġodda, grey water project u kanċell fl-East Block Car Park.

Barra minn hekk se jkun qed isir avvanz u tiġdid fl-area tar-reception, waqt li kmamar oħra se jiġu attrezzati sew, għad-diversi programmi ta' SportMalta.

Se tkun qed issir ukoll manutenzjoni tal-isquash courts u fannijiet ġodda fl-istess courts, kif ukoll manutenzjoni tas-sistema tas-CCTV eżistenti.

Il-Kap Eżekuttiv ta' SportMalta, ta wkoll dettalji rigward xogħlijiet li se jkunu qed isiru fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera, fejn se tinbidel l-art tas-sala prinċipali u l-boċċi dromo, waqt li se ssir estensjoni tal-istess Kumpless.

Se jsir ukoll xogħol fil-Kumpless Sportiv tal-Marsa, fejn se jittella' fence madwar il-pitches u warm-up track ġdida għall-atletika.

Is-Sur Cutajar ta dettalji wkoll rigward xogħlijiet li se jkunu qed isiru fil-Kumpless Sportiv ta' Ħal-Kirkop, fejn se jkun qed isir xogħol fuq il-pixxina u manutenzjoni taċ-changing rooms.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, indirizza lil dawk preżenti, iċ-Chairman ta' SportMalta, l-Onorevoli Luciano Busuttil, li rringrazzja lill-Gvern talli emmen fil-ħidma li qed tagħmel din l-entità sportiva, hekk kif fl-aħħar sentejn u nofs intwera biċ-ċar kemm l-impenn sħiħ tal-amministrazzjoni qed jissarraf fil-frott mixtieq.

Huwa spjega wkoll kif SportMalta mhux qed tieħu ħsieb biss il-faċilitajiet u l-iskemi sabiex taqdi aktar l-isportivi Maltin, imma xeddedt libsa ġdida bl-isem ta' SportMalta.

Skont hu dan mhux se jkun biss bdil fl-isem, iżda se tkun qed tiġi nnotata bidla b'mod mill-aktar ċar, fil-mentalità u fil-kultura sportiva f'pajjiżna.

Huwa għamel aċċenn ukoll għas-sit elettroniku l-ġdid ta' SportMalta li huwa www.sportmalta.org.mt, li huwa wieħed ferm user friendly u faċli biex jintuża.

Dan biex kulħadd ikun jista' jkollu aċċess għall-informazzjoni wiesa', li SportMalta tkun qed tippubblika minn żmien għall-ieħor, għall-akbar ġid u benefiċċju tal-qasam sportiv ġewwa pajjiżna.






# Total ta' 35 benefiċjarji ta' skemi diversi ta' fondi minn SportMalta





Kienu 35 Assoċjazzjoni sportiva/atleti individwali li bbenefikaw minn skemi ta' assistenza ta' SportMalta. L-għajnuna finanzjarja li kienet preżentata aktar kmieni matul dan ix-xahar kienet marbuta mad-diversi skemi li toffri SportMalta, fosthom l-iskema tat-Turiżmu Sportiv.

Waqt li indirizza lil dawk preżenti, is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Chris Agius, aċċenna għall-miżuri li qed jittieħdu mill-gvern sabiex l-isportivi jkunu megħjuna. Huwa semma' t-tnaqqis ta' rata tat-taxxa għall-atleti kollha u l-coaches u r-rata anqas tat-taxxa tal-VAT fuq attivitajiet sportivi fosthom f'gym memberships u fitness centres.

Iċ-chairman ta' SportMalta, Luciano Busuttil, aċċenna għall-ħidma li għamlu l-impjegati ta SportMalta biex ma jħallux l-entità tkompli takkumula aktar dejn. Minn din is-sena din il-ħidma se tibda tħalli l-frott, hekk kif għall-ewwel darba wara diversi snin, SportMalta se tkun qed tagħmel profitt li jista' jerġa jkun investit fl-isport lokali.

L-Aġent Kap Eżekuttiv ta' SportMalta, Mark Cutajar, spjega dwar il-proċeduri l-ġodda sabiex wieħed jkun jista' japplika għall-assistenza filwaqt li aċċenna għall-ħinijiet ġodda li se jibda jopera SportMalta sabiex l-isportivi jkunu moqdija aħjar. Huwa semma' li dan huwa parti mir-rebranding tal-entità li tinkludi wkoll bdil fl-isem u website ġdida.

















# Sessjonijiet innovattivi fosthom il-Parent & Child Swimming

Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn l-fuljett ta' applikazzjoni għal OnTheMove SkolaSport, wieħed jista' jinnota li għad-differenza tas-snin l-imgħoddija, jista' jsib sessjonijiet innovattivi fosthom il-Parent & Child Swimming.

Kif jixhed l-isem dawn huma sessjonijiet li jattendu għalihom ġenituri flimkien mat-trabi tagħhom. L-għan ta' dan il-programm huwa li jippreserva l-abbiltajiet istintivi li t-trabi jkollhom minn qabel it-twelid. It-trabi jitwieldu ma jibżgħux mill-ilma, u ħiliet bħal li ma tħallix ilma jidħol minn imnieħrek u li żżomm ħalqek magħluq huma istintivi. It-trabi ma jibżgħux jiftħu għajnejhom taħt l-ilma u jekk jitilfu dawn il-ħiliet, se jsibuha aktar diffiċli li jerġgħu jiksbuhom meta jkunu ikbar.

Minbarra hekk, il-programm jgħin sabiex tkompli tissaħħaħ il-bond bejn il-ġenitur u t-tarbija, filwaqt li jkompli jaċċentwa l-idea ta' stil ta' ħajja attiva fil-ġenituri u t-tfal minn età żgħira. Huwa pprovat li dawk li jibdew ikunu attivi meta jkunu żgħar, il-probabbiltá hija li jkomplu jsegwu din il-ħajja anke meta jkunu akbar u jkomplu jnaqqsu r-riskju tal-obeżitá.

Wara xhur fil-ġuf, l-ilma jsir parti mill-ambjent naturali tagħhom u għalhekk l-għawm jerġa' jqanqal l-istess sentimenti. Waqt is-sessjonijiet, isir logħob differenti li jinkludi wkoll il-qbiż u l-għadds.

Il-kors tax-xitwa huwa twil 26 ġimgħa minn Ottubru sa Mejju b'sessjoni waħda jew tnejn fil-ġimgħa. Dawn is-sessjonijiet jsiru fil-pixxina tal-iskola primarja tas-Siġġiewi li għalkemm tinsab fl-apert hija msaħħna u protetta mir-riħ. Din hija t-tieni darba li SportMalta qed jagħmel dawn is-sessjonijiet, wara l-popolaritá li kellhom f'Summer on the Move.

> **"il-programm jgħin sabiex tkompli tissaħħaħ il-bond bejn il-ġenitur u t-tarbija"**

Minn din id-darba, trabi sa mill-etá ta' sena jistgħu jipparteċipaw, flimkien ma' ġenitur tagħhom f'dawn is-sessjonijiet ta' On The Move Skolasport. Huwa maħsub li f'Summer on the Move 2016, SportMalta se toffri sessjonijiet għan-nisa tqal.

Għal aktar dettalji wieħed jista' jirrikorri għall-website l-ġdida ta' SportMalta www.sportmalta.org.mt jew iċempel fuq 22036000.

minn **Joe Bajada**



# Tiftaħ uffiċjalment On The Move SkolaSport f'Għawdex

Għall-ewwel darba f'Għawdex, On The Move SkolaSport qed tkun organizzata u mmexxija minn SportMalta flimkien mal-Gozo Sports Board fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

OnTheMove huwa l-isem il-ġdid mogħti lill-kampanja SkolaSport 2015/16. Għal dan il-għan, SportMalta wara li ħatar koordinatur biex immexxiha, irnexxielu jingaġġa numru ta' coaches kwalifikati Għawdxin biex ikunu jistgħu iħarrġu lit tfal Għawdxin f'dixxiplini differenti.

Il-coaches ukoll, matul is-sena ser jiġu mogħtija aktar taħriġ minn SportMalta sabiex issir titjib u tiġdid fil-metodi ta' tagħlim biex kollox jitmexxa fuq l-istess syllabus bħal dak ta' Malta. Dan it-tiġdid sab ukoll konkorrenza tajba ħafna fejn madwar 200 tifel u tifla qed jattendu għal dan it-taħriġ ta' kull nhar ta' Sibt sal-aħħar ta' Mejju fil-faċilitajiet sportivi tal-Kumpless Sportiv tar-Rabat, kif ukoll il-ground tal-iSkola Sekondarja Ninu Cremona li tinsab ħdejn l-istess Kumpless Sportiv.

Kull sessjoni ta' taħriġ sportiv qed tkun ta' tliet sigħat. Għalhekk dan juri li din is-sena ser jinżammu iktar lezzjonijiet mis-snin ta' qabel u dan jirrifletti fl-irwol ta' SportMalta li ma jkunux huma l-protagonisti iżda li jservu lill-poplu Malti u Għawdxi, kif ukoll lil dawk kollha involuti fl-isports.

Il-Ministru għal Għawdex, Anton Refalo inawgura uffiċjalment l-*On The Move SkolaSport* fejn stqarr li l-ħolma tiegħu bħala Ministru hija li jara lil dawn it-tfal jagħrfu l-potenzjal tagħhom u jingħaqdu f'dixxiplini sportivi matul is-sena kollha.

Huwa fakkar kemm dan it-taħriġ sportiv u anke l-logħob ser jgħin lil dawn it-tfal biex jikbru aktar b'saħħithom, u dan fid-dawl ukoll bħala parti mill-ġlieda li dan il-Gvern qed jagħmel kontra l-obeżità. Apparti dan, il-Ministru Refalo saħaq fuq l-importanza tal-prattika u l-attività fiżika biex dan itejjeb il-kwalità tal-ħajja.

Dr. Refalo tkellem ukoll fuq il-miżuri tal-budget fejn dawn ser jgħinu biex jattiraw aktar persuni biex ikunu attivi. Fost l-oħrajn huwa semma t-tnaqqis tal-VAT fuq attivitajiet sportivi, inklużi gym memberships, fitness centres, football nurseries u attivatijiet oħra, minn 18% għal 7%.

Ser tkun estiża wkoll ir-rata tat-taxxa fuq id-dħul ta' 7.5%, li bħalissa qed tapplika għall-players tal-football u l-waterpolo, għall-coaches u players ta' kull tip ta' sports. Il-Ministru għal Għawdex filwaqt li feraħ lill-Bord Sportiv Għawdxi għall-ħidma li qed iwettaq, semma' kif f'dan it-taħriġ sportiv inżammet ir-ruħ soċjali fir-rigward ta' prezzijiet li nżammu baxxi fejn baqgħu bħal tas-snin l-imgħoddija.

Huwa appella lill-ġenituri sabiex jiċċaqalqu u jġiegħlu lit-tfal tagħhom jiċċaqalqu iktar biex inkunu qed nagħmlu ġid lilna nfusna, filwaqt li wera s-sodisfazzjon tiegħu li ser jibda jsir bdil ta' studenti Għawdxin ma' dawk Maltin.

Preżenti għall-istess inawgurazzjoni kien hemm Mark Cutajar, l-Aġent Kap Eżekuttiv ta' SportMalta fejn beda biex

qal fuq il-ħtieġa li hemm bżonn li Malta u Għawdex jaħdmu flimkien sabiex inċaqalqu nies ta kull età.

Hawn huwa radd ħajr lill-Ministeru għal Għawdex, kif ukoll lill-Bord Sportiv Għawdxi għall-koperazzjoni tagħhom biex flimkien ikunu jistgħu jorganizzaw bl-aħjar mod possibbli diversi attivitajiet sportivi fosthom din l-On the Move SkolaSport.







Mark Cutajar qal li hemm ħsieb għaliex din l-iskola ngħatat l-isem ta' On the Move u dan biex l-isem mhux biss juri l-qalb tal-isforzi ta' SportMalta, iżda jkompli jħeġġeġ lil kull individwu biex jitħarrek u jagħmel eżerċizji fiżiċi.

Huwa żied jgħid li On The Move Skolasport mhux sempliċiment post fejn il-ġenituri jħallu lil uliedhom u jkomplu bil-qadi tagħhom, iżda huwa post fejn it-tfal jitgħallmu u jikbru flimkien.





Dan il-programm huwa l-ewwel tarġa biex iħeġġeġ lit-tfal ikunu attivi biex ikollna soċjetà b'saħħitha fiżikament u mentalment.

Is-Sur Cutajar temm jgħid li diġà saru l-pjani meħtieġa biex matul is-sena jibda jkun hemm skambji ta' taħriġ bejn tfal Maltin u Għawdxin u dan bla dubju ser jagħmel it-taħriġ tagħhom mill-iktar interessanti.





Fost id-dixxiplini sportivi li qed ikun ipprattikat f'Għawdex insibu l-arti marzjali, atletika, basketball, ġinnastika, volleyball u żfin. Dan minbarra l-programmi 'FUNdamentals' u 'Mini-Games' taħt Kids Blitz immirat għat-tfal bejn l-4 u l-10 snin li għandu l-għan li jintroduċi l-ħiliet sportivi bażiċi fid-diversi dixxiplini.

Il-Ministeru għal Għawdex ser joħroġ €21 bħala sussidju fuq kull tifel u tifla u dan biex jagħmel tajjeb għat-transport ipprovdut b'xejn minn kull pjazza tar-raħal.



Dawk it-tfal kollha li huma mħajra jibdew it-taħriġ f'din l-iskola huma mħeġġa jżuru l-uffiċini tal-Bord Sportiv Għawdxi fil-Kumpless Sportiv fir-Rabat biex jimlew applikazzjoni.



Malta-EU Steering & Action Committee

NATIONAL COORDINATOR
2015 European Year for Development

# Fondi Ewropej għal Proġetti Sportivi Żgħar

minn **Mandy Falzon (Head of EU Funding)**

F'Malta nsibu bosta organizzazzjonijiet li jiffokaw fuq l-edukazzjoni fiżika u l-isport. Permezz ta' fondi taħt il-Programm ta' fondi, Erasmus+, l-Unjoni Ewropea (UE) qiegħda tagħti l-opportunità lil dawn l-organizzazzjonijiet biex jingħaqdu flimkien u ma' organizzazzjonijiet minn pajjiżi oħra, ħalli flimkien jippromwovu l-isport u l-attività fiżika.

Din l opprtunità għandha tolqot żewġ għasafar b'ġebla waħda: il-kollaborazzjoni ma' għaqdiet barranin fil-qasam tal-isport u l-promozzjoni tal-attività fiżika mal-adulti u l-adoloxxenti. Huwa fatt magħruf li l-kultura sportiva u l-attività fiżika huma nieqsa f'pajjiżna. Fil-fatt, studju li sar dan l-aħħar mill-Kummisjoni Ewropea dwar l-attività fiżika fl-UE, wera biċ-ċar li n-nuqqas kbir ta' attività fiżika jinsab madwar l-Ewropa kollha. U għal Malta, l-istudju wera li kemm l-adulti, kif ukoll l-adoloxxenti huma nieqsa mill-attività fiżika. Fil-fatt, 18.6% tal-adoloxxenti subien u 15.5% tal-adoloxxenti bniet bejn il-11 u 15-il sena biss laħqu l-livell rakkomandat ta' eżerċizzju fiżiku. Dan in-nuqqas ta' eżerċizzju huwa wieħed mill-fatturi ewlenin assoċjat ma' mard tal-qalb, il-kanċer u l-obeżità.

Huwa għal-dan il-għan li l-UE qiegħda tagħmel sforz ikbar biex tippromwovi l-attività fiżika favur is-saħħa fl-adoloxxenti u l-adulti permezz ta' dawn il fondi taħt il programm il-ġdid tal-Erasmus+ għall-2016.

Din l-opportunità hi msejħa proprju, 'Sħubijiet Kollaborattivi Żgħar' (Small Collaborative Partnerships) għaliex permezz tagħha, l-organizzazzjonijiet Maltin interessati huma mistiedna jaħdmu id f'id biex flimkien jipprowmovu l-għarfien dwar l-importanza ta' attività fiżika regolari. Minnha nfisha din għandha tkun sfida interessanti sabiex tissaħħaħ l-attività fiżika kemm fost iż-żgħażagħ u wkoll fl-anzjani, f'soċjetà b'popolazzjoni li qiegħda dejjem tgħix aktar fit-tul. Dawn is-sħubijiet kollaborattivi, li jistgħu jsiru fuq livell transnazzjonali, iridu jinvolvu mill-inqas tliet organizzazzjonijiet minn tliet pajjiżi differenti.

Ta' min jgħid ukoll li proġetti li jsiru b'din l-għajnuna mill-UE jidħlu tajjeb mal-inizjattivi li qegħdin jittieħdu fil-Gżejjer Maltin sabiex jindirizzaw il problema ta' nuqqas ta' eżerċizzju. Infatti l-attività fiżika hija qasam ewlieni fl-istrateġija nazzjonali 2012-2020 kontra l-obeżità. Din l-istrateġija għandha l-għan li toħloq ambjent soċjali u kulturali favur l-attività fiżika u biex talloka r-riżorsi meħtieġa għar-riċerka u l-monitoraġġ tal-attività fiżika f'Malta.

L-isħubiji kollaborattivi żgħar ser Ikunu mmirati b'mod partikolari lejn proġetti innovattivi li jħeġġu l-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs fl-isport, speċjalment fejn jidħlu l-ugwaljanza u d-diżabbiltà. Il-proġetti taħt din is-sejħa għandhom jiġu mfassla






wkoll b'mod li jippromwovu l-isport tradizzjonali Ewropew u l-logħob. Din l-opportunità ser tappoġġa l mobbiltà ta' voluntiera, coaches, managers u l-persunal ta' organizzazzjonijiet sportivi mingħajr qligħ.

L-Erasmus+ ser joffri flessibbiltà kbira lill-organizzazzjonijiet Maltin fl-attivitajiet li jistgħu jimplimentaw, għaliex is-shubijiet kollaborattivi żgħar jistgħu jkopru firxa wiesa' ta' attivitajiet. Fost dawn insibu attivitajiet ta' networking, konferenzi u laqgħat biex jippromwovu sinerġiji innovattivi bejn il-qasam tal-isport u l-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ li jqajmu kuxjenza dwar l-attività fiżika. It-temi tal-attivitajiet għandhom jolqtu l-valur miżjud tal-isport u l-attività fiżika b'rabta mal-isfidi soċjali, ekonomiċi u l-iżvilupp personali u professjonali tal-individwi.

Dawn is-sħubiji kollaborattivi żgħar huma miftuħa għal kull tip ta' istituzzjonijiet pubbliċi jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u li huma attivi fil-qasam tal-isport u l-attività fiżika. L-UE tiffinanzja 80% tal-ispejjeż marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet kumplimentari tal-proġett kollaborattiv. Fost spejjeż oħra, l-ispejjeż eliġibbli jkopru l-ivvjaġġar, l-ekwipaġġ meħtieġ kif ukoll servizzi speċifiċi li jingħataw lil kuntratturi barra mill-organizzazzjoni. Id-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija, it-12 ta' Mejju 2016, biex il-proġetti kollaborattivi jibdew jigu implimentati fl-1 ta' Jannar 2017.

Dawk l-organizzazzjonijiet li jaħdmu b'mod attiv fil-qasam tal-isport u l-attività fiżika huma mħeġġa biex jikkuntattjaw lill-MEUSAC għal aktar informazzjoni dwar din is-sejħa billi jibagħtu e-mail fuq funding.meusac@gov.mt jew iċemplu fuq 2200 3300.

## Kampjonat 1960-61

# Floriana megħluba minn St Patrick

minn **Tonio Farrugia**

**L-Għaxar Ġurnata**

**12-03-1961**
**St. Patrick FC – Floriana FC 2-1**
**H.T 1-0 Att: 3,228**
**Skurjaw: C. Mattocks (S) 30 sekonda, W. Barbara (S) 55' u P. Demanuele (F) 83'**
**Referee: Joseph Agius**

**St. Patrick FC:** Charles Vella, Joe Bugeja, Joseph Cassar, Toninu 'Landolina' Camenzuli, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Jimmy Casha, Romeo 'Il-Hacca' Psaila, Pawlu Farrugia, Joe 'In-Najsu' Anastasi (Freddie 'Il-Kixu' Abela 46'), Wistin 'Il-Babaw' Barbara, Charlie Mattocks.

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Jimmy Farrugia, Lolly Debattista, Żarenu Alamango, Lino Farrugia, Freddie Vella James, Twanny Sultana, Lolly Borg, Billy Dalli, Freddie 'Is-Sir' Cauchi, Pullu Demanuele.

1. St. Patrick kellhom nieqes lil Tony Formosa minħabba li kiser idu fl-aħħar ħarġa kontra Marsa filwaqt li Florina kellhom lil Tony Cauchi nieqes minħabba uġigħ f'siequ.
2. Għal Floriana rritorna d-difensur Lolly Debattista. Huwa kien ilu nieqes mid-draw ta' 2-2 kontra Valletta tat-28 ta' Jannar 1961 meta dak in-nhar kien weġġa' u nħareġ fuq stretcher.
3. Il-logħba bdiet fl-4.00 p.m., nofs siegħa aktar tard mis-soltu.

**15-03-1961**
**Sliema Wdrs. FC – St. George's FC 2-0**
**H.T 0-0 Att: 2,888**
**Skurjaw: Ġ. Muscat (S) 52' u S. Nicholl (S) 55'**
**Referee: Turu Lentini**
**Linesmen: Frans Grech u Joseph Francis Xavier Galea.**

**Sliema Wdrs. FC:** Ray Cosby, Johnnie Gatt, Alex Gollcher, Joe Aquilina, Joe Cini, Silvio Micallef, Albert Sant (Robbie Buttigieg 46'), John Bonnett, Ġulinu Muscat, Sammy Nicholl, Wally Hili.

**St. George's FC:** Albert Borg, Leonard Mizzi, Karmenu Frendo (Joe Mizzi I 46'), George Curmi, Freddie Sultana, Albert Schreiner (Brincat 65'), Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Freddie Demanuele, Leli Stivala, Freddie Delia, Joe Mizzi II.

1. Din kienet it-tieni partita minn sensiela ta' erba' logħbiet li kellhom jintlagħbu f'nofs il-ġimgħa. Fil-Kunsill għall-ewwel kien ġie deċiż li minflok l-Erbgħa l-logħba tintlagħab, it-Tnejn 12 ta' Marzu, minħabba li l-Erbgħa r-RAI kien ser jagħti l-partita tat-Tazza taċ-Champions bejn Barcelona u Spartak. Wara reġa' ġie deċiż li l-partita tintlagħab l-Erbgħa minħabba li Barcellona – Spartak kellha tibda fis-7.00 p.m filwaqt li l-ħin ta' Sliema – St. George's kien fl-4.00 p.m. St. George's kienu pprotestaw biex iħallu l-partita għat-Tnejn xorta waħda minħabba li xi players tagħhom kienu laħqu rranġaw ma' tax-xogħol, iżda t-talba tagħhom ma ġietx milqugħa.
2. Kemm Robbie Buttigieg ta' Sliema Wdrs. FC kif ukoll Joe Mizzi I ta' St. George's waslu tard għal din il-partita fejn it-tnejn daħlu bħala sostituti fil-bidu tat-tieni taqsima. Huma fil-fatt kienu mpenjati f'partita oħra f'Kordin mat-timijiet tas-Servizz fil-Final tal-Chronicle Cup bejn ir-Royal Air Force (RAF) u l-Army. L-Armata rebħet il-final bl-iskor ta' 3-1. Anke Nenu Mizzi 'Il-Beċċun' kien lagħab f'din il-Final iżda wara l-logħba ma kienx lela' l-Istadium.
3. St. George's kellhom lura fit-team lil Bertu Schreiner li kien ilu nieqes mil-logħob tal-kampjonat mit-2 ta' April 1960 meta kien ġie sospiż tliet xhur u mmultat nofs lira wara li kien tkeċċa għax xejjer bis-sieq lil Ċikku Xuereb ta' Hibernians. Minflok tliet xhur il-player dam 11-il xahar biex irritorna. Huwa deher nieqes mit-training u fil-fatt kien ġie mibdul.
4. Minħabba n-nuqqas tal-aħwa Bonnici mit-team tal-Wanderers meta kienu għadhom bl-inkwiet mal-club, il-player Joe Cini lagħab fil-pożizzjoni ta' centre-half.

**18-03-1961**
**Sliema Wdrs. FC – Marsa FC 6-1**
**H.T 0-1 Att: 2,730**
**Skurjaw: F. Parnis (M) 44', S. Nicholl (S) 62', Ġ. Muscat (S) 63', J. Cini (S) 79', R. Buttigieg (S) 81', Ġ. Muscat (S) 89' u J. Bonnett (S) 90'.**
**Referee: Joseph Francis Xav. Galea**

**Sliema Wdrs. FC:** Ray Cosby, Johnnie Gatt, Alex Gollcher, Joe Aquilina, Joe Cini, Silvio Micallef, Robbie Buttigieg, John Bonnett, Ġulinu Muscat, Sammy Nicholl, Wally Hili.

**Marsa FC:** Salvu Alamango, Nenu Fabri (Ernie Glynn 56'), Charles Cassar, Renzo Coleiro, Deguara, Norman Bell, Freddie Wilson, Freddie Parnis, Debattista, Żaren 'In-Najs' Formosa, Freddie Chircop.

1. Ir-riżultat finali żgur li ma kienx mistenni sa tmiem l-ewwel taqsima meta kienu Marsa li daħlu jistrieħu fil-vantaġġ b'goal eċċellenti ta' Parnis li qabeż ħames players tal-Wanderers qabel għeleb lill-goalkeeper Cosby.
2. Kien hemm protesti ħorox mill-players ta' Marsa fl-okkażjoni tal-goal tad-draw tal-Wanderers skorjat minn Sammy Nicholl meta sostnew li l-player kien f'pożizzjoni ta' offside. B'konsegwenza ta' dan il-player ta' Marsa Ernie Glynn kien ġie sospiż partita wara li nstab ħati li nsulta lir-referee.
3. Skond il-ġurnal 'Leħen is-Sewwa', ir-referee ta' din il-partita kien Carmel R. Galea.

**19-03-1961**
**Valletta FC – St. George's FC 3-0**
**H.T 2-0 Att: 4,644**
**Skurjaw: o.g Brincat (V) 7', J. Urpani (V) 31' u M. Azzopardi (V) 65'**
**Referee: Joseph Francis Xav. Galea**

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Walter Bone, Joe Attard (Edwin 'Dwinu' Schembri 46'), Pawlu 'Polly' Carbonaro, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Joe' Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

**St. George's FC:** Albert Borg, Leonard Mizzi, Brincat, Peppi Delceppo, Freddie Sultana, Freddie Delia, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi (Joe Mizzi I 46'), Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Leli Stivala, Freddie Demanuele, Joe Mizzi II.

1. 'Il-Waniż' Borg irritorna fl-ewwel team ta' Valletta wara li kien nieqes fl-aħħar ġimgħat minħabba li kien kiser ix-xedaq wara minuta logħob tal-partita kontra Floriana, fit-28 ta' Jannar.
2. Eddie Mizzi rrifjuta li joħroġ jilgħab fit-tieni taqsima u minfloku daħal Joe Mizzi I.
3. Il-ġurnal 'Il-Ħelsien' attribwixxa l-autogoal ta' Brincat bħala goal ta' Frankie Zammit. Fid-deskrizzjoni tal-goal hemm miktub li Frankie Zammit ħa r-rebound wara li x-xutt tal-Waniż kien imblokkat u minn qalb ħafna players Bormliżi sab ix-xibka.
4. St. George's FC ipprotestaw kontra r-rizultat tal-partita minħabba żball tekniku tar-referee. Huma sostnew li meta l-ballun kien f'idejn il-goalkeeper Tommy Taylor ir-referee waqqaf il-logħba sabiex jiġi mdewwi player li kien mal-art. Meta reġa' kompla l-logħob minflok ingħata drop-ball kif suppost, il-ballun tħalla f'idejn il-goalkeeper Taylor. Il-Bord tal-MFA filwaqt li fehem li kien hemm żball ma ħassx li l-iżball kien tant gravi li kellu jwassal biex il-partita terġa' tintlagħab.

*- St. Patrick FC, Floriana FC u Hibernians FC lagħbu partita inqas.*
*- St. George's FC lagħbu partita iktar.*

**Klassifika:** Valletta FC 16-il pt.; Hibernians FC u Sliema Wdrs. FC 15-il pt.; Floriana FC 11-il pt.; St. Patrick FC u St. George's FC 8 pti.; Marsa FC 3 pti.; Ħamrun Sp. FC 2 pti.

**L-Aqwa Skorers:** T. Cauchi (Floriana FC) u L. Stivala (St. George's FC) 9 goals; Ġ. Muscat (Sliema Wdrs. FC) 8 goals; M. Azzopardi (Valletta FC) 6 goals; F. Zammit (Valletta FC), F. Cauchi u P. Demanuele (Floriana FC) u V. Cassar (Hibernians FC) 5 goals.

## Il-Ħdax-il Ġurnata

**22-03-1961**
**Floriana FC – Marsa FC 3-1**
**H.T 1-0 Att: 1,014**
**Skurjaw: F. Mallia (F) 22', B. Dalli (F) 49', F. Mallia (F) 57' u J. Azzopardi (M) 83'**
**Referee: Joseph Agius**

**Floriana FC:** Vince Tedesco, Jimmy Farrugia, Pullu Mousu', Lino Gauci, Lino Farrugia, Lolly Borg, Twanny Sultana, Freddie Mallia, Billy Dalli, Fredu Cauchi, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Marsa FC:** Bertu Collings, Sammut, Charles Cassar, Żaren 'In-Najs' Formosa, J. Cassar, Renzo Coleiro, Freddie Wilson, Freddie Parnis, Debattista (Norman Bell), J. Azzopardi, Freddie Chircop (Deguara).

1. Din kienet it-tielet minn sensiela ta' erba' partiti li kellhom jintlagħbu fost il-ġimgħa fejn il-biża' tal-clubs li jkun hemm attendenza fqira u jitilfu l-flus bdiet issir realtá meta ftit iktar minn elf spettatur kienu preżenti.

2. Freddie Wilson ta' Marsa tkeċċa fis-77 minuta wara li mbotta lil linesman fuq deċiżjoni ta' throw in kontrih. Wara huwa kien ġie sospiż għal xahar.

3. Marsa kienu qed jilagħbu mingħajr Ernie Glynn li kien qed jiskonta sospensjoni ta' logħba u mingħajr il-goalkeeper Salvu Alamango, Mario Bonello u Alfred Vassallo.

4. Floriana kellhom diversi players regolari nieqsa meta Lolly Debattista u Żarenu Alamango kienu qed jilagħbu mal-Army kontra n-Navy (3-3) għall-Chronicle Cup bil-partita tibda' fit-3.30 p.m. f'Kordin. Tony Cauchi kien għadu mweġġa' filwaqt li reġgħet tfaċċat il-problema tal-goalkeeper meta Nenu Fabri u Ġużi Alamango kienu nieqsa. B'konsegwenza ta' dan Vince Tedesco ddebutta bejn il-lasti ta' Floriana. Debuttant ieħor kien il-player tal-Malta Youths Freddie Mallia li skorja darbtejn.

5. Pullu Demanuele kien għadu kemm irritorna dak in-nhar stess mil-Libja fejn kien mar bħala guest player ma' Hibernians. Hu lagħab mal-Pawlisti l-partita tal-Ħadd, 19 ta' Marzu, kontra El Ittihad iżda falla t-tieni partita kontra El Ahli biex ikun jista' jilgħab ma' Floriana.

**25-03-1961**
**Valletta FC – St. Patrick FC 6-0**
**H.T 1-0 Att: 2,539**
**Skurjaw: J. Zammit (V) 5', J. Urpani (V) 48', M. Azzopardi (V) 51', F. Zammit (V) 58' u J. Urpani (V) 62' u 69'.**
**Referee: Ritchie Casha**

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit (Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci 46'), Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

**St. Patrick FC:** Charlie Vella, Joe Bugeja, Joseph Cassar, Gori Farrugia, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Jimmy Casha, Romeo 'Il-Hacca' Psaila, Pawlu Farrugia, Freddie 'Il-Kixu' Abela, Wistin 'Il-Babaw' Barbara, Charlie Mattocks (Joe Drago 63').

1. St. Patrick kellhom nieqes lil Toninu Camenzuli 'Il-Landolina' mill-Belt u li kien jilgħab mal-Valstars, il-Minors ta' Valletta, qabel sieħeb lil St. Patrick fl-1956.

2. Joe Zammit 'Il-Ginġer' ma ħariġx għat-tieni taqsima wara li weġġa'.

**26-03-1961**
**Sliema Wdrs. FC – Ħamrun Sp. FC 1-1**
**H.T 1-0 Att: 3,921**
**Skurjaw: Ġ. Muscat (S) 25' u T. Cassar (Ħ) 50'**
**Referee: Pawlu Bonnett**

**Sliema Wdrs. FC:** Ray Cosby, Johnnie Gatt, Alex Gollcher, Joe Cini, Joe Aquilina, Silvio Micallef, Robbie Buttigieg, John Bonnett, Ġulinu Muscat, Sammy Nicholl, Wally Hili.

**Ħamrun Sp. FC:** Jimmy Gatt, Martin Attard, Lino Sciberras, Johnnie Fondacaro, Louis Bonello, Carmelo 'In-Nene' Grech, Pawlu Buttigieg, Salvinu Schembri, Gejtu Briffa, Twanny 'Il-Ginger' Cassar, John 'Il-Bipu' Mifsud (Freddie 'It-Tirjule' Borg 46').

1. Ħamrun kien irnexxielhom iġibu permess lill player tagħhom Salvinu Schembri u Twanny Cassar biex jibqgħu Malta u jilagħbu kontra Sliema wara li suppost siefru mat-team tal-Armata biex jilagħbu fil-Libja. Huma kienu telqu ġurnata wara.

2. Il-partita ntlagħbet fuq art tiżloq kawża ta' xita ħafifa li niżlet matul il-partita.

**29-03-1961**
**Hibernians FC – St. Patrick FC 3-1**
**H.T 3-0 Att: 880**
**Skurjaw: V. Cassar (H) 26', F. Xuereb (H) 39', C. Schembri (H) 42' u R. Psaila (St. Pat) pen. 58'**
**Referee: Turu Lentini**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Andrew Ellul, Joe 'Puskas' Muscat, Louis Theobald, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Il-Palun' Cassar, Henry Vella, Jimmy Mizzi, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb, Charlie 'Il-Kinnio' Schembri (Edward Azzopardi 46').

**St. Patrick FC:** Charlie Vella, Joe Bugeja, Joseph Cassar, Toninu 'Landolina'Camenzuli, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Jimmy Casha, Romeo 'Il-Hacca' Psaila, Ġoġo Gatt (Joe Drago 46'), Joe 'In-Najsu' Anastasi, Wistin 'Il-Babaw' Barbara, Charlie Mallocks.

1. Din kienet ir-raba' u l-aħħar partita li ntlagħbet fost il-ġimgħa kif kien ipprogrammat biex hekk kull team messu jilgħab partita fost il-ġimgħa. Il-biża' tal-clubs ta' telf mill-gate money kien reali meta folla miżera ta' 880 spettatur attendiet għall-partita.

2. Kien hemm protesti ħorox mill-players ta' St. Patrick fuq l-ewwel goal ta' Hibernians meta Jimmy Casha deher isalva minn fuq il-linja d-daqqa ta' ras ta' Victor Cassar iżda r-referee Lentini nnota li l-ballun ġie kklerjat 'il ġewwa mil-linja u kkonvalida l-goal. Kellha tidħol il-Pulizija fil-ground biex tikkalma s-sitwazzjoni.

3. Hibernians kienu mingħajr Sunny Anastasi li kien jinsab fil-Libja mat-team tal-Armata.

*- Floriana FC u Hibernians FC lagħbu partita inqas.*

**Klassifika:** Valletta FC 18-il pt.; Hibernians FC 17-il pt.; Sliema Wdrs. FC 16-il pt.; Floriana FC 13-il pt.; St. Patrick FC u St. George's FC 8 pti.; Ħamrun Sp. FC u Marsa FC 3 pti.

**L-Aqwa Skorers:** Ġ. Muscat (Sliema Wdrs. FC), T. Cauchi (Floriana FC) u L. Stivala (St. George's FC) 9 goals; M. Azzopardi (Valletta FC) 7 goals; V. Cassar (Hibernians FC) u F. Zammit (Valletta FC) 6 goals.

# L-MFA tidħol fil-kwistjoni Politika-Reliġjuża

L-MFA daħlet fil-kwistjoni taħraq li kienet għaddejja bejn il-Partit Laburista u l-Knisja meta ma bdietx tibgħat informazzjoni lill-ġurnali 'Il-Ħelsien' u 'Voice of Malta' li kienu l-organi uffiċjali tal-Partit Laburista. Minħabba f'hekk fid-19 ta' Ġunju 1961 l-MFA ħarġet stqarrija għall-istampa ffirmata mis-Segretarju Eugenio Bonello li kienet tgħid hekk: "Dwar il-mistoqsijiet li saru fuq jekk tqanqlitx xi kwistjoni bejn l-MFA u l-MLP, nistqarru li l-ebda kwistjoni ma teżisti. L-MFA għadha żżomm il-politika li dejjem kellha li tibqa' imwarrba minnha biex b'hekk timxi skond l-istess eżistenza tal-Isport. Minħabba l-ġrajjiet ta' dan l-aħħar, l-MFA kellha timxi fuq il-parir tal-kappillan tagħha u tosserva l-projbizzjoni mposta fuq ċerti gazzetti lokali." Fil-fatt, qabel il-parir tal-Kapillan tal-MFA, fil-Kunsill kien hemm diġá proposta mressqa minn Jimmy Xerri De Caro, rappreżentant ta' Marsa FC, u ssekondata minn Pawlu Debattista ta' Ħamrun Spartans u Maurice Debono ta' St. George's biex l-MFA ma tgħaddix informazzjoni lill-gazzetti tal-Partit Laburista. Din il-mozzjoni ma kinitx għaddiet. B'konsegwenza ta' dan St. George 's kienu neħħew lil Maurice Debono mill-Kunsill u minfloku daħħlu lil Karmenu Micallef. Kien hawn fejn Jimmy Xerri De Caro kellem lill-Kappillan tal-MFA, li min-naħa tiegħu kiteb lill-Kunsill.

B'reazzjoni għal dan il-Partit Laburista kien ħareġ direttiva lill-players biex ma jirreġistrawx mal-clubs tagħhom għall-istaġun ta' wara. Din id-direttiva ġiet irtirata fit-22 ta' Lulju 1961 wara li l-MFA qablet li terġa' tibda tgħaddi l-informazzjoni lill-ġurnali 'Il-Ħelsien' u 'Voice of Malta'.



# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' AC Milan

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Diċembru, 2015

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' AC Milan ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 103



Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 103 huwa:
**Alfred Attard - Mosta**



# Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 103

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | I | C | H | E | L | P | L | A | T | I | N | I | |
| A | | A | | N | | E | | R | | U | | G | |
| T | I | M | O | T | H | Y | | Z | I | L | I | N | A |
| T | | I | | E | | R | O | A | | I | | A | |
| E | L | L | U | L | | A | | M | | A | R | C | E |
| K | | L | | L | E | H | M | A | N | N | | I | |
| S | I | E | N | A | | O | | S | | O | G | O | R |
| A | | R | O | | L | U | B | O | S | | U | | O |
| N | A | I | R | O | | T | | V | | A | Y | E | W |
| D | | | B | | C | | T | A | B | B | | | E |
| S | P | I | E | T | H | | A | | | E | K | E | N |
| | A | | R | | E | R | Y | O | L | | A | | |
| B | E | R | T | | S | | O | | A | B | R | E | U |
| | S | | O | B | S | C | U | R | | | L | | S |

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Diċembru, 2015:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

**Rebbieħa Ħarġa nru 103:**
Emma J. Spiteri - Attard

**MIMDUDIN**

1. "Rolex ..... .. ...." (6,3,4.)
8. Farah, atleta Ingliż mis-Somalja b'diversi rekords fl-Atletika (2)
9. Stuart, kowċ nazzjonali Ingliż tar-Rugby (9)
10. Clive, ċiklist internazzjonali Malti (6)
13. "Narval d'......", żiemel Franċiż ta' 14-il sena (7)
15. Aquilina, jipprometti bil-kbir fid-Darts f'Malta (7)
18. Rabah, player internazzjoanli Franċiż fir-Rugby (7)
19. Claudio, attakkant Brażiljan ta' Kercem Ajax FC (7)
20. Edafe, midfilder Niġerjan ta' Pembroke Athleta FC (4)
22. Callus, għawwiem Awstraljan ta' oriġini Maltija (6)
25. Phenix, eks għawwiem freestyle Amerikan (4)
26. Dirk, tennist professjonali Ġermaniż (4)
27. Yang, Grandmaster Ċiniż taċ-Ċess (3)
28. Klabb tal-Futbol Daniż imwaqqaf fl-1887 (6)
30. Steve, eks winger ta' Celtic u manager ta' Blackburn (4)
32. "..... Shadow", żiemel Daniż ta' 7 snin (5)
34. Lee Young- . 84 partita u 27 gowl għal Korea t'Isfel (3)
35. Zdenek, winger Ċekoslovakk fil-Fifa WC 1982 (6)
36. Lindsey, skier Amerikana rebbieħa ta' 4 titli mondjali (4)

**WEQFIN**

1. Nehe, fullback internazzjoanli tal-All Blacks fir-Rugby (6,7)
2. Xerri, player femminili ta' Kirkop Utd FC (9)
3. Alex, half-back tal-Ingilterra fl-1904 u 1905 (5)
4. Adrian, sewwieq Ġermaniż tas-Sauber fil-Formula Uno (5)
5. Cousin, player Franċiż-Malti ta' San Ġiljan Waterpolo Club (8)
6. "Quebir de l'....", żiemel Franċiż ta' 11-il sena (4)
7. Can, midfilder difensiv Ġermaniż ta' Liverpool (4)
11. Daniel "The ..." Zahra, kickboxer Malti ta' fama mondjali (3)
12. Tip ta' skor fil-logħba tal-Baseball (3)
14. Thepchaiya ..-...., player pofessjonali tas-Snooker Tajlandiż (2,4)
16. Sergey, champion tad-dinja renjanti fil-110m Hurdles tal-Irġiel (9)
17. Jansson, futboler fit-tim tan-Nisa ta' Sliema Wanderers (7)
19. Rio ... Futebol Clube tal-Portugall (3)
21. Majeed, player internazzjonali Malti tal-Cricket (6)
23. Samuele, midfilder ta' Frosinone misluf mingħand Inter (5)
24. "......'s Pine", żiemel Olandiż ta' 10 snin (6)
29. u 33. Tiftakruh id-"..... Team" tal-Basketball Amerikan? (5)
31. "... Stop Lobell", żiemel Daniż ta' 10 snin (3)
33. Ara 29 Weqfin

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information


PREMIER LEAGUE
OFFICIAL BEER
Carlsberg
BARCLAYS PREMIER LEAGUE
OFFICIAL BEER OF PROBABLY THE BEST LEAGUE IN THE WORLD
Carlsberg
Probably the best beer in the world.
ENJOY RESPONSIBLY
drinkawaremalta.com
for the facts